# Rapport Analitiku
# 03

MT

# It-trasport ta' annimali ħajjin fl-UE: sfidi u opportunitajiet

CURIA RATIONUM

IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

2023

# Werrej

Paragrafu

**Sommarju eżekuttiv** I - X

**Introduzzjoni** 01 - 12

**Ambitu u approċċ tar-rapport analitiku** 13 - 17

**Fatturi wara t-trasport tal-annimali** 18 - 62

Fatturi regolatorji 19 - 38

Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-trasport tal-annimali mhijiex infurzata b'mod uniformi minn Stat Membru għal ieħor 20 - 23

Il-Politika Agrikola Komuni hija ffukata fuq elementi għajr it-trattament xieraq tal-annimali matul it-trasport 24 - 28

Ma hemm ebda standard komuni għat-tikkettar tal-laħam 29 - 36

Strateġiji reċenti tal-UE pproponew sistema tal-ikel aktar sostenibbli 37 - 38

Fatturi ekonomiċi 39 - 62

L-ispeċjalizzazzjoni tas-settur tal-bhejjem 40 - 43

Żieda fil-konċentrazzjoni fis-settur tal-qatla 44 - 49

Il-kostijiet għall-produzzjoni tal-annimali u dawk għall-qtil ivarjaw minn Stat Membru għal ieħor 50 - 53

It-tbatija tal-annimali mhijiex riflessa fil-kostijiet tat-trasport jew fil-prezzijiet tal-laħam 54 - 57

Il-preferenzi tal-konsumaturi jistgħu jaffettwaw it-trasport tal-annimali 58 - 62

**Xejriet fit-trasport tal-annimali** 63 - 79

Ma hemm ebda *data* ċċentralizzata komprensiva dwar it-trasport tal-annimali fil-livell tal-UE 63 - 66

Xejriet fit-trasport tal-annimali intra-UE u ekstra-UE 67 - 73

Teknoloġiji ġodda biex jittejjeb il-monitoraġġ tat-trasport tal-annimali 74 - 79

**Sfidi u opportunitajiet** 80 - 86

## Anness

### Anness I – Pubblikazzjonijiet ewlenin li ġew analizzati

## Abbrevjazzjonijiet

## Glossarju

## Tim tal-QEA

# Sommarju eżekuttiv

**I** Kull sena, biljuni ta' annimali ħajjin jiġu ttrasportati bit-triq, bil-baħar, bil-ferrovija u bl-ajru fi ħdan l-UE, u lejn u mill-UE, għal għadd ta' raġunijiet, bħat-tnissil, it-tismin jew il-qatla. L-UE adottat leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport. Id-dgħufijiet identifikati mill-Kummissjoni Ewropea u l-istudji akkademiċi wrew li l-istandards attwali għat-trattament xieraq mhux dejjem jiġu rrispettati, u tqajmu dubji dwar l-adegwatezza tagħhom.

**II** Ir-rapport analitiku tagħna jiddeskrivi l-fatturi prinċipali wara t-trasport ta' annimali ħajjin, u juri t-tendenzi fit-trasport tal-annimali. Huwa jipprovdi opportunità biex isir kontribut fid-dibattitu dwar it-trasport tal-annimali fil-ħin għar-reviżjoni li jmiss tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-trattament xieraq tal-annimali. Dan mhuwiex rapport tal-awditjar; huwa rapport analitiku bbażat prinċipalment fuq informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku, fuq materjal li nġabar speċifikament għall-iskop ta' dan ir-rapport analitiku, u fuq ix-xogħol preċedenti li wettaqna.

**III** Diversi fatturi interkonnessi – prinċipalment ekonomiċi u regolatorji – jinfluwenzaw it-trasport tal-bhejjem fi ħdan l-UE u lejn pajjiżi mhux tal-UE. Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-trasport tal-annimali mhijiex infurzata b'mod uniformi mill-Istati Membri u hemm riskju li t-trasportaturi jistgħu jisfruttaw il-lakuni li jirriżultaw mis-sistemi ta' sanzjonijiet nazzjonali differenti. Il-Politika Agrikola Komuni appoġġat il-produzzjoni tal-annimali biex tiżgura provvisti stabbli ta' ikel bi prezz aċċessibbli u stimulat azzjonijiet biex tippromwovi livelli ogħla ta' trattament xieraq tal-annimali fl-irziezet, iżda sa issa ma ffukatx fuq it-trattament xieraq tal-annimali matul it-trasport.

**IV** Il-fatturi ekonomiċi huma l-forza mexxejja prinċipali wara t-trasport tal-annimali. Fis-suq uniku, l-operaturi, bħall-bdiewa u l-produtturi tal-laħam, jimmiraw li jnaqqsu l-kostijiet, jimmassimizzaw id-dħul u jottimizzaw l-ekonomiji ta' skala billi jisfruttaw id-differenzi fil-kostijiet bejn l-Istati Membri. L-impatt negattiv tat-trasport fuq it-trattament xieraq tal-annimali jista' jittaffa billi jitnaqqas l-għadd ta' vjaġġi u t-tul tagħhom, jittejbu l-kundizzjonijiet għall-annimali ħajjin matul it-trasport, u jinstabu alternattivi għat-trasport tal-annimali.

**V** Il-kwalità tat-trattament xieraq tal-annimali matul it-trasport ma titteħidx inkunsiderazzjoni fil-kost tat-trasport u fil-prezz tal-laħam. Skont studji akkademiċi u tal-Kummissjoni, in-nuqqas ta' *data* jxekkel l-iżvilupp ta' sistemi ta' inċentivi li jistgħu

jħeġġu lill-kumpaniji tat-trasport jipprevienu l-problemi relatati mat-trattament xieraq tal-annimali, u jimminimizzaw l-inċentivi ekonomiċi tan-nuqqas ta' konformità.

**VI** Il-konsumaturi jista' jkollhom rwol importanti fl-ixprunar tal-bidla. Ir-rispondenti għall-istħarriġiet tal-Kummissjoni stqarru li jieħdu inkunsiderazzjoni t-trattament xieraq tal-annimali meta jixtru prodotti tal-laħam, iżda li jkunu lesti li jħallsu prezzijiet ogħla biss jekk jiġu infurmati dwar il-kundizzjonijiet tajba f'dak li jikkonċerna t-trattament xieraq tal-annimali. Madankollu, l-għadd kbir fih innifsu ta' skemi ta' tikkettar differenti, speċjalment fil-livell nazzjonali, u l-assenza ta' informazzjoni speċifika, jagħmluha diffiċli biex il-konsumaturi jagħmlu għażliet informati.

**VII** Il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt jippromwovu t-tranżizzjoni lejn sistema tal-ikel aktar sostenibbli. Tali tranżizzjoni tkun tirrikjedi bidliet strutturali fil-katina tal-provvista u fix-xejriet ta' konsum tal-ikel. Minn perspettiva usa', hemm rabta bejn il-volum ta' konsum tal-laħam u l-għadd ta' annimali ħajjin li jiġu ttrasportati. Permezz tal-kampanji promozzjonali u l-programmi ta' finanzjament tagħha, il-Kummissjoni tgħin lill-bdiewa tal-UE u lill-industrija tal-ikel ibigħu l-prodotti tal-biedja tagħhom, inklużi l-laħam (frisk, imkessaħ u ffriżat) u preparati mil-laħam.

**VIII** L-Istati Membri jirreġistraw il-movimenti tal-annimali f'bażijiet ta' *data* għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni. Għal movimenti minn Stat Membru għal ieħor jew għad-dħul fl-UE, id-*data* tiġi rreġistrata f'bażi ta' *data* tal-Kummissjoni. Dawn il-bażijiet ta' *data* nħolqu biex jiġu rreġistrati l-identifikazzjoni tal-annimali, ir-reġistrazzjoni tal-irziezet u ċ-ċertifikazzjoni sanitarja għall-finijiet ta' kontroll tal-mard, u attwalment mhumiex adattati biex lill-Kummissjoni jipprovdulha *data* ċentralizzata komprensiva dwar it-trasport tal-annimali. L-użu ta' teknoloġiji ġodda jista' jtejjeb il-monitoraġġ tat-trasport tal-annimali kemm mil-lat tal-movimenti, kif ukoll mil-lat tat-trattament xieraq tal-annimali matul it-trasport. L-għodod diġitali jistgħu jottimizzaw l-ippjanar u l-loġistika tat-trasport tal-annimali.

**IX** Aħna enfasizzajna wkoll id-diversi sfidi għal dawk li jfasslu l-politiki tal-UE u għall-partijiet ikkonċernati:

- l-identifikazzjoni u l-adozzjoni ta' alternattivi għat-trasport tal-annimali;
- l-għoti ta' informazzjoni aħjar lill-konsumaturi biex dawn ikunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati;
- il-promozzjoni ta' bidliet strutturali lejn sistema tal-ikel aktar sostenibbli;

- l-assenjazzjoni ta’ valur monetarju lit-tbatija tal-annimali matul it-trasport, u l-kunsiderazzjoni tagħha fil-kostijiet tat-trasport u fil-prezz tal-laħam; u

- il-ksib ta’ stampa ġenerali ċentralizzata u komprensiva tat-trasport tal-annimali fil-livell tal-UE, u l-isfruttament ta’ teknoloġiji ġodda għall-monitoraġġ tat-trasport tal-annimali, għall-kejl tat-trattament xieraq tal-annimali matul it-trasport u għall-promozzjoni tal-ottimizzazzjoni loġistika.

X Identifikajna l-opportunitajiet relatati li ġejjin, li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni fid-dawl tar-reviżjoni li jmiss tal-leġiżlazzjoni tal-UE:

- il-promozzjoni tat-trasport tal-laħam, minflok it-trasport ta’ annimali ħajjin, u l-użu ta’ biċċeriji lokali u mobbli;

- it-tiżjid tat-trasparenza u l-armonizzazzjoni fit-tikkettar tal-laħam, pereżempju permezz ta’ sistema ta’ tikkettar tal-UE li tippromwovi t-trattament xieraq tal-annimali;

- l-għoti tal-inċentivi t-tajba lill-produtturi, lill-utenti u lill-konsumaturi sabiex tiġi mħeġġa mġiba sostenibbli;

- l-iżvilupp ta’ metodoloġija biex it-tbatija tal-annimali tingħadd meta jiġu kkalkulati l-kostijiet tat-trasport u l-prezz tal-laħam;

- l-utilizzazzjoni tal-potenzjal tat-titjib fl-IT u fit-teknoloġija biex jiġu ttraċċati l-vjaġġi tal-annimali kollha, inklużi l-vjaġġi domestiċi, bl-użu ta’ kameras u sensuri biex jitkejjel u jiġi mmonitorjat it-trattament xieraq tal-annimali matul it-trasport; u l-użu ta’ għodod diġitali biex jiġu ottimizzati l-ippjanar u l-loġistika tat-trasport tal-annimali.

# Introduzzjoni

**01** Fl-2021, il-bdiewa tal-UE rabbew 76 miljun bhima tal-ifrat, 142 miljun ħanżir, 60 miljun nagħġa, 11-il miljun mogħża, flimkien ma' biljuni ta' pollam u annimali oħra, li jvarjaw minn fniek sa żwiemel (***Figura 1***)[1].

### Figura 1 – Annimali mrobbija fl-UE fl-2021




*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq *data* mill-Eurostat u mill-EPRS.

**02** Matul ħajjithom, dawn l-annimali jistgħu jiġu ttrasportati minn razzett għal ieħor għat-tnissil jew it-tismin, u lejn il-biċċeriji għall-qatla. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, huma jibqgħu fl-istess pajjiż, iżda jaf jiġu ttrasportati lejn Stat Membru ieħor jew lejn pajjiż ieħor barra l-UE. Id-distanzi koperti u d-durata tal-vjaġġ jistgħu jvarjaw b'mod konsiderevoli[2].

[1] Eurostat, Livestock population in numbers; is-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew (EPRS), EU trade and transport of live animals (2020), p. 1.

[2] EPRS, EU trade and transport of live animals (2020), p. 1.

**03** Il-Kummissjoni (Eurostat) tikkategorizza t-trasport tal-annimali bħala:

- trasport domestiku, jiġifieri fi ħdan Stat Membru;
- trasport intra-UE, jiġifieri minn Stat Membru għal ieħor;
- trasport ekstra-UE, jiġifieri lejn pajjiżi mhux tal-UE jew minnhom[3].

**04** Fil-perjodu 2017-2021, it-trasport transfruntier tal-annimali (kemm mil-lat ta' għadd ta' annimali kif ukoll mil-lat ta' piż) ikkonsista 86 % f'movimenti intra-UE, 13.5 % f'esportazzjonijiet barra mit-territorju tal-UE, u 0.5 % f'importazzjonijiet minn pajjiżi mhux tal-UE. 1.6 biljun annimal ħaj ġew ittrasportati bejn l-Istati Membri u lejn jew minn pajjiżi mhux tal-UE (ara l-***Figura 2***).

[3] Eurostat, Statistics explained.

## Figura 2 – Kompożizzjoni tat-trasport ta' annimali ħajjin bejn l-Istati Membri u lejn jew minn pajjiżi mhux tal-UE fil-perjodu 2017-2021




*Nota:* Id-*data* dwar it-trasport domestiku mhijiex inkluża fil-Comext.

*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq *data* mill-Comext.

**05** L-annimali jistgħu jiġu ttrasportati bit-triq, bil-baħar, bl-ajru, u bil-ferrovija. Ikun xi jkun il-mod, it-trasport huwa sors ta' stress għall-annimali u bħala tali jista' jkollu effett negattiv fuq it-trattament xieraq tagħhom[4]. L-annimali jiġu esposti għall-istress meta jkunu qed jitgħabbew u jinħattu u, matul it-trasport, jaf ibatu l-ġuħ, l-għatx, is-sħana, u n-nuqqas ta' spazju u ta' serħan[5]. It-trattament xieraq tal-annimali jiddependi mid-distanza u d-durata tal-vjaġġ u mill-kundizzjonijiet tal-vjaġġ (eż. l-allokazzjoni ta' spazju, il-kundizzjonijiet mikroklimatiċi u tat-toroq, il-livell ta' kunsiderazzjoni li juru s-sewwieqa)[6].

**06** Fi snin reċenti, iċ-ċittadini tal-UE saru jkunu dejjem aktar imħassba dwar it-trattament xieraq tal-annimali, u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) enfasizzaw il-kundizzjonijiet ħżiena li l-annimali jista' jkollhom jgħixu fihom matul it-trasport[7]. Dan kollu qajjem dubji mhux biss dwar l-effettività tar-regoli tal-UE, iżda wkoll dwar il-ġustifikazzjoni għat-trasport ta' annimali ħajjin għal perjodi twal jew għal distanzi twal.

**07** Fl-2019, il-Kunsill[8] saħaq fuq il-ħtieġa li jittejjeb it-trattament xieraq tal-annimali ttrasportati għal distanzi twal, u ħeġġeġ lill-Kummissjoni tirrieżamina u taġġorna l-leġiżlazzjoni attwali tal-UE dwar it-trasport tal-annimali. Il-Parlament Ewropew ukoll talab lill-Kummissjoni tirrieżamina l-leġiżlazzjoni[9] (***Kaxxa 1***).

---

[4] L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA), Welfare of cattle during transport (2022), p. 16.

[5] Id-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Unjoni tal-Parlament Ewropew (IPOL), Patterns of livestock transport in the EU and to third countries (2021), p. 7; EFSA, Welfare of cattle during transport (2022), p. 5.

[6] EFSA, Welfare of cattle during transport (2022), p. 91.

[7] Eurogroup for Animals (EFA), Live animal transport (2021); Animals' Angels, The myth of enforcement (2016).

[8] Il-Kunsill Ewropew, Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-trattament xieraq tal-annimali (2019), il-paragrafu (7).

[9] Il-Parlament Ewropew, Riżoluzzjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport (2012), il-paragrafu 23, il-Parlament Ewropew, Riżoluzzjoni dwar l-implimentazzjoni rigward ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 (2019), il-paragrafu 68.

### Kaxxa 1

### L-inkjesta tal-Parlament Ewropew dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport

F'Ġunju 2020, il-Parlament Ewropew stabbilixxa kumitat ta' inkjesta dwar il-Protezzjoni tal-Annimali waqt it-Trasport (ANIT) biex jinvestiga ksur allegat fl-applikazzjoni tar-regoli tal-UE dwar it-trasport tal-annimali.

F'Diċembru 2021, il-kumitat ippreżenta r-rapport tiegħu bil-konklużjoni li d-dispożizzjonijiet tal-UE f'dan il-qasam ma jqisux bis-sħiħ il-ħtiġijiet differenti tal-annimali, u li l-Istati Membri mhux dejjem ikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-UE[10].

F'Jannar 2022, il-Parlament Ewropew adotta rakkomandazzjoni finali, u appella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jintensifikaw l-isforzi tagħhom ħalli jiżguraw ir-rispett tat-trattament xieraq tal-annimali matul it-trasport, u jaġġornaw ir-regoli tal-UE. B'mod partikolari, il-Parlament talab li jsiru restrizzjonijiet fuq il-ħinijiet tal-vjaġġ, kontrolli fuq l-esportazzjoni ta' annimali ħajjin lejn pajjiżi mhux tal-UE, u esprima preferenza għat-trasport tal-laħam minflok it-trasport ta' annimali ħajjin.

*Sors:* Il-paġna web tal-Kumitat ANIT.

**08** F'Mejju 2020, il-Kummissjoni ppreżentat l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt tagħha, fejn impjenat ruħha li tirrevedi l-leġiżlazzjoni attwali tal-UE dwar it-trattament xieraq tal-annimali, inklużi r-regoli dwar it-trasport tal-annimali, bil-għan li (i) tallinja l-leġiżlazzjoni mal-aktar evidenza xjentifika riċenti, (ii) twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tagħha, (iii) tiffaċilita l-infurzar tagħha, u (iv) fl-aħħar mill-aħħar tiżgura livell ogħla ta' trattament xieraq tal-annimali. Il-Kummissjoni biħsiebha tipproponi leġiżlazzjoni riveduta dwar it-trattament xieraq tal-annimali qabel tmiem l-2023[11].

---

[10] Il-Parlament Ewropew, Rapport dwar l-investigazzjoni ta' allegazzjonijiet ta' kontravvenzjonijiet u ta' amministrazzjoni ħażina fl-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni fir-rigward tal-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport fl-Unjoni u lil hinn minnha (2021).

[11] Il-paġna web tal-Kummissjoni dwar il-proċess ta' reviżjoni.

**09** Il-Kummissjoni hija responsabbli milli tipproponi l-leġiżlazzjoni tal-UE u timmonitorja l-applikazzjoni tagħha min-naħa tal-Istati Membri. Hija twettaq kontrolli fl-Istati Membri u tivverifika li l-leġiżlazzjoni tal-UE tiġi implimentata u infurzata kif suppost. Tista' wkoll tieħu azzjoni legali kontra l-Istati Membri li jonqsu milli jittrasponu u jimplimentaw b'mod korrett il-leġiżlazzjoni tal-UE[12].

**10** L-Istati Membri huma responsabbli mill-applikazzjoni tar-regoli tal-UE fil-livell nazzjonali, inkluż it-twettiq ta' spezzjonijiet uffiċjali, u t-teħid ta' miżuri ta' infurzar xierqa[13]. L-Istati Membri jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur minħabba nuqqas ta' konformità u jieħdu kwalunkwe miżura neċessarja biex jiżguraw li r-regoli jiġu applikati[14]. Kull sena, l-Istati Membri jibagħtu rapport lill-Kummissjoni dwar ir-riżultati tal-ispezzjonijiet tagħhom[15].

**11** L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) hija aġenzija tal-UE li twaqqfet fl-2002, u li tipprovdi parir xjentifiku dwar ir-riskji assoċjati mal-katina alimentari, mill-għalqa sal-platt, inkluż it-trattament xieraq tal-annimali matul it-trasport.

**12** Id-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Unjoni tal-Parlament Ewropew (IPOL) jappoġġa lill-Parlament Ewropew huwa u jeżerċita u jiżviluppa s-setgħat leġiżlattivi u ta' kontroll tiegħu fil-qasam tal-politiki interni, inkluż it-trasport tal-annimali.

[12] Il-QEA, ir-Rapport Speċjali 31/2018: "Il-benessri tal-annimali fl-UE: tnaqqis tad-distakk bejn għanijiet ambizzjużi u implimentazzjoni prattika", Figura 2.

[13] Il-QEA, ir-Rapport Speċjali 31/2018: "Il-benessri tal-annimali fl-UE: tnaqqis tad-distakk bejn għanijiet ambizzjużi u implimentazzjoni prattika", Figura 2.

[14] L-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 1/2005.

[15] L-Artikolu 27(2) tar-Regolament (KE) Nru 1/2005.

# Ambitu u approċċ tar-rapport analitiku

**13** Ir-rapport analitiku tagħna jiddeskrivi l-fatturi prinċipali wara t-trasport ta' annimali ħajjin, filwaqt li jiffoka fuq ir-rwol tal-politiki tal-UE u tal-fatturi ekonomiċi, u juri x-xejriet fit-trasport tal-annimali. F'dan ir-rapport analitiku, it-terminu "annimali ħajjin" jenħtieġ li jinftiehem bħala l-annimali terrestri li ġejjin: bhejjem tal-ifrat, ħnieżer, pollam, nagħaġ u mogħoż, u żwiemel (kemm jekk għall-produzzjoni tal-laħam kif ukoll għat-tnissil jew għall-kompetizzjoni). L-annimali domestiċi, tal-laboratorju, taż-żoo u taċ-ċirku huma esklużi mill-ambitu ta' dan ir-rapport analitiku.

**14** Dan mhuwiex rapport tal-awditjar; huwa rapport analitiku bbażat prinċipalment fuq informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku, fuq materjal li nġabar speċifikament għall-iskop ta' dan ir-rapport analitiku, u fuq ir-rapport li wettaqna fl-2018 dwar il-benessri tal-annimali[16]. Aħna rrieżaminajna l-leġiżlazzjoni tal-UE rilevanti, inklużi l-Politika Agrikola Komuni u r-regoli dwar it-tikkettar u l-iġjene. Eżaminajna l-pubblikazzjonijiet rilevanti għas-suġġett tar-rapport analitiku li ħarġu l-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni, l-Istati Membri, l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar, l-istituzzjonijiet akkademiċi, l-NGOs u l-assoċjazzjonijiet professjonali (l-***Anness 1***). L-analiżi li għamilna tal-fatturi li jinfluwenzaw it-trasport tal-annimali tiffoka fuq raġunijiet li għalihom il-bhejjem jiġu ttrasportati kemm fl-UE kif ukoll lejn pajjiżi mhux tal-UE.

**15** Analizzajna *data* mill-bażijiet ta' *data* tal-UE TRACES u Comext, u settijiet ta' *data* oħra mill-Eurostat. Prinċipalment użajna *data* mill-perjodu 2017-2019. Peress li ma hemm ebda *data* disponibbli għall-pubbliku dwar it-trasport domestiku, l-analiżijiet li wettaqna tad-*data* ma jkoprux dan l-aspett: huma jirreferu biss għat-trasport intra-UE jew ekstra-UE, kif speċifikat f'kull figura.

**16** Intervistajna uffiċjali mill-Kummissjoni; ikkonsultajna lil assoċjazzjonijiet professjonali fis-setturi tal-biedja u tal-produzzjoni tal-laħam u lil NGOs fil-qasam tal-protezzjoni tal-annimali; użajna l-kontributi ta' esperti akkademiċi biex nappoġġaw l-analiżi tagħna tal-impatt tal-fatturi ekonomiċi fuq it-trasport tal-annimali. Biex nikkontribwixxu għall-fehim tagħna tal-problemi involuti, ħadna sehem fi żjara ta' informazzjoni fil-Polonja biex niltaqgħu mal-awtoritajiet nazzjonali u nżuru l-faċilitajiet

[16] Il-QEA, ir-Rapport Speċjali 31/2018: "Il-benessri tal-annimali fl-UE: tnaqqis tad-distakk bejn għanijiet ambizzjużi u implimentazzjoni prattika".

involuti fit-trasport tal-annimali (jiġifieri biċċerija u post ta’ kontroll fejn l-annimali jieqfu biex jistrieħu matul vjaġġi twal).

17 Il-pubblikazzjoni ta’ dan ir-rapport analitiku fil-bidu tal-2023 tipprovdi opportunità biex nikkontribwixxu għad-dibattitu li għaddej dwar it-trasport tal-annimali fil-ħin għar-reviżjoni li jmiss min-naħa tal-Kummissjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-trattament xieraq tal-annimali.

# Fatturi wara t-trasport tal-annimali

**18** Huma diversi l-fatturi li jistgħu jinfluwenzaw it-trasport tal-bhejjem fi ħdan l-UE u lejn pajjiżi mhux tal-UE[17]. Għall-finijiet ta' dan ir-rapport analitiku, aħna kklassifikajnihom f'żewġ kategoriji interkonnessi:

- regolatorji;
- ekonomiċi.

## Fatturi regolatorji

**19** Il-leġiżlazzjoni, il-politiki u l-inizjattivi tal-UE li huma attwalment fis-seħħ u li jaffettwaw, direttament jew indirettament, it-trasport tal-annimali jinkludu:

- Il-**leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-trasport tal-annimali**: din tipprevedi l-linja bażi tal-UE li l-Istati Membri jeħtiġilhom jirrispettaw biex jiżguraw it-trattament xieraq tal-annimali matul it-trasport.
- Il-**Politika Agrikola Komuni (PAK)**: permezz tar-regoli u l-inċentivi tagħha, il-PAK tista' tinfluwenza kif il-bdiewa individwali jagħżlu li jimmaniġġjaw l-art, l-għelejjel u l-bhejjem tagħhom.
- Il-**politiki tal-UE dwar it-tikkettar**: abbażi ta' rekwiżiti obbligatorji jew volontarji, it-tikkettar jgħin lill-konsumaturi jagħmlu għażla infurmata meta jkunu qed jixtru l-ikel. Il-laħam li jinbiegħ fl-UE jista' jkollu indikazzjonijiet differenti, bħat-tikkettar dwar l-oriġini u t-tikkettar li jippromwovi t-trattament xieraq tal-annimali.
- Is-**sistema ta' indikazzjoni ġeografika** u s-**sistema tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali ggarantiti**: dawn l-iskemi tal-kwalità tal-UE jipproteġu l-ismijiet ta' prodotti speċifiċi biex jippromwovu l-karatteristiċi uniċi tagħhom, b'rabta mal-oriġini ġeografika jew l-għarfien tradizzjonali tagħhom. It-tikkettar bis-simbolu tal-UE huwa obbligatorju.
- Il-**Patt Ekoloġiku Ewropew**: din l-istrateġija, introdotta fl-2019, għandha l-għan li telimina l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra sal-2050 u tiġġenera l-bidla lejn sistema tal-ikel sostenibbli.

[17] IPOL, Patterns of livestock transport in the EU and to third countries (2021), it-taqsima 2.

- L-**Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt**: din l-istrateġija, introdotta fl-2020, għandha l-għan li taċċellera t-tranżizzjoni tul il-katina tal-provvista tal-ikel kollha.
- Il-**pakkett tal-UE dwar l-Iġjene**: adottat fl-2004, dan ħoloq qafas regolatorju uniku dwar l-iġjene applikabbli għall-ikel u l-operaturi tal-ikel kollha, u jkopri l-istadji kollha tal-katina tal-provvista tal-ikel, inklużi l-biċċeriji.
- Il-**liġi dwar is-saħħa tal-annimali**: applikabbli minn April 2021 'il hawn, din il-leġiżlazzjoni tirregola t-traċċabbiltà tal-annimali biex tgħin fil-prevenzjoni tal-mard trażmissibbli tal-annimali.

## Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-trasport tal-annimali mhijiex infurzata b'mod uniformi minn Stat Membru għal ieħor

**20** L-UE introduċiet il-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport għall-ewwel darba aktar minn 40 sena ilu. Il-***Figura 3*** turi l-istadji importanti ewlenin. Il-leġiżlazzjoni attwali (ir-Regolament dwar it-Trasport) tiddefinixxi r-responsabbiltajiet tad-diversi partijiet fil-katina tat-trasport, u tirregola t-trasport ta' annimali vertebrati ħajjin fi ħdan l-UE, inklużi l-kontrolli fuq l-annimali meta jidħlu jew joħorġu mill-UE[18].

### Figura 3 – Leġiżlazzjoni prinċipali tal-UE dwar it-trattament xieraq tal-annimali matul it-trasport




*Sors:* il-QEA.

**21** Skont il-feedback tar-rispondenti minn konsultazzjoni pubblika mibdija mill-Kummissjoni fl-2021, ir-regoli tal-UE dwar it-trattament xieraq tal-annimali, inkluż ir-Regolament dwar it-Trasport, iffaċilitaw il-kummerċ u tejbu l-kompetizzjoni fl-Ewropa,

[18] il-QEA, Background paper: Animal welfare in the EU (2018), p. 6.

u dan billi neħħew l-ostakli għall-kummerċ ta' annimali ħajjin fis-suq uniku[19]. Dan ġie kkonfermat ukoll bl-evalwazzjoni li l-Kummissjoni wettqet fl-2010 tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-trattament xieraq tal-annimali[20].

**22** Madankollu, il-Kummissjoni identifikat dgħufijiet fl-implimentazzjoni tar-Regolament dwar it-Trasport, speċjalment fil-kontrolli uffiċjali li l-Istati Membri wettqu għal vjaġġi lejn pajjiżi mhux tal-UE u għat-trasport ta' annimali mhux b'saħħithom[21]. Fl-2020, l-Istati Membri wettqu aktar minn 900 000 kontroll uffiċjali u applikaw kważi 8 000 sanzjoni. Il-problemi prinċipali kienu:

- il-kundizzjoni fiżika tal-annimal (għall-bhejjem tal-ifrat u l-ħnieżer);
- il-prattiki relatati mat-trasport (għall-pollam);
- problemi bid-dokumentazzjoni tat-trasport (għan-nagħaġ, il-mogħoż, iż-żwiemel u l-ħmir[22]).

**23** Peress li l-istabbiliment u l-applikazzjoni tal-penali jiġu ddelegati lill-Istati Membri, hemm differenzi sinifikanti fil-proċeduri amministrattivi u ta' sanzjonar tagħhom, it-tipi ta' sanzjoni imposti għan-nuqqas ta' konformità u s-severità tas-sanzjonijiet[23]. Kif skoprew ir-riċerkaturi, id-differenzi fl-infurzar minn Stat Membru għal ieħor jistgħu jwasslu biex il-kumpaniji ta' trasport jagħżlu rotta itwal ħalli jevitaw lil Stati Membri b'regoli lokali aktar stretti jew infurzar aktar strett tar-Regolament dwar it-Trasport[24]. Fir-rapport tagħha tal-2011 dwar l-impatt tar-Regolament dwar it-Trasport, il-

[19] Il-Kummissjoni, Factual summary report of the online public consultation in support to the fitness check and revision of the EU animal welfare legislation (2022), p. 3.

[20] Il-Kummissjoni, Fitness check of EU animal welfare legislation (2022), p. 25.

[21] Il-Kummissjoni, Overview report on systems to prevent the transport of unfit animals in the EU (2015); il-Kummissjoni, Welfare of animals exported by road (2020); il-Kummissjoni, Welfare of animals transported by sea (2020).

[22] Il-Kummissjoni, Staff Working Document accompanying the Report on the overall operation of official controls performed in Member States (2019-2020) to ensure the application of food and feed law, rules on animal health and welfare, plant health and plant protection products (2022), pp. 28-31.

[23] EPRS, Protection of animals during transport: sanctions for infringements (2021), p. 4.

[24] Van Wagenberg, Baltussen, Socio-economic reasons for long-distance cross-border transport of animals in the EU (2021).

Kummissjoni rrikonoxxiet il-ħtieġa għal applikazzjoni aktar armonizzata tar-regoli fis-settur tat-trasport[25].

## Il-Politika Agrikola Komuni hija ffukata fuq elementi għajr it-trattament xieraq tal-annimali matul it-trasport

**24** Il-Politika Agrikola Komuni (PAK) ġiet stabbilita fl-1962. Sabiex tilħaq l-objettiv tagħha li tiżgura provvisti stabbli ta' ikel bi prezz aċċessibbli, inizjalment hija ħeġġet lill-bdiewa jipproduċu l-ikel billi jiggarantixxu l-prezzijiet għall-prodotti agrikoli ewlenin (bħaċ-ċanga) u l-introjtu tal-bdiewa[26]. Dan biddel is-settur tal-bhejjem tradizzjonali, u wassal għall-ispeċjalizzazzjoni u l-konċentrazzjoni tiegħu, u konsegwentement affettwa t-trasport ta' annimali ħajjin[27].

**25** Wara l-ewwel riforma importanti tagħha fl-1992, il-PAK gradwalment naqqset l-appoġġ għall-prezzijiet u introduċiet il-pagamenti diretti marbuta mal-qasam ta' produzzjoni u ma' ċerti annimali (bhejjem tal-ifrat u nagħaġ)[28]. Mill-2003 'il quddiem, riformi sussegwenti komplew jiksru r-rabta bejn il-pagamenti diretti u t-tip u l-ammonti ta' prodotti li jipproduċu l-bdiewa. Fl-istess ħin, dawn ir-riformi introduċew regoli aktar stretti f'dak li jikkonċerna l-ambjent u t-trattament xieraq tal-annimali sabiex il-bdiewa jirċievu l-pagamenti[29]. Il-PAK il-ġdida, li daħlet fis-seħħ fl-2023, ma introduċiet ebda bidla sinifikanti li taffettwa t-trasport tal-annimali, la mil-lat ta' volum u lanqas mil-lat tal-kundizzjonijiet għat-trattament xieraq.

**26** L-għoti tal-biċċa l-kbira tal-appoġġ taħt il-PAK huwa marbut mal-konformità ma' żewġ settijiet ta' kundizzjonijiet bażi:

- Kundizzjonijiet Agrikoli u Ambjentali Tajba (KAAT), li ma jkoprux it-trattament xieraq tal-annimali;

---

[25] Il-Kummissjoni, Rapport dwar l-impatt tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport (2011), p. 12.

[26] Il-Kummissjoni, The future of the livestock sector (2020), p. 38.

[27] Il-Kummissjoni, The future of the livestock sector (2020), p. 36.

[28] Il-Kummissjoni, Il-PAK spjegata (2017).

[29] Il-Kummissjoni, Il-PAK spjegata (2017).

- Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs), li jirreferu għar-rekwiżiti regolatorji lil hinn mill-PAK[30]. Dawn jinkludu d-direttivi tal-UE[31] dwar it-trattament xieraq tal-annimali, iżda ma jinkludux ir-Regolament dwar it-Trasport.

**27** Il-PAK tiffinanzja miżuri għat-trattament xieraq tal-annimali fil-programmi għall-iżvilupp rurali tal-Istati Membri, u aktar tiffoka fuq il-kundizzjonijiet fir-razzett milli fuq dawk ta' matul it-trasport. Minbarra interventi fil-qasam tal-iżvilupp rurali, mill-2023 il-PAK tipprovdi pagamenti diretti fil-forma ta' "skemi ekoloġiċi" favur il-klima, l-ambjent u t-trattament xieraq tal-annimali, li jkopru l-impenji li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali[32]. Il-Kummissjoni ppubblikat skeda informattiva li telenka l-prattiki agrikoli potenzjali li jistgħu jiġu appoġġati mill-iskemi ekoloġiċi, iżda dawn ma jkoprux operazzjonijiet relatati mat-trasport[33].

**28** Il-miżuri għall-iżvilupp rurali jiffinanzjaw ukoll investimenti f'assi fiżiċi, fi skemi tal-kwalità u fil-biedja organika, li kollha kemm huma jistgħu jħeġġu standards ogħla ta' trattament xieraq tal-annimali[34]. Pereżempju, fil-Polonja, il-PAK iffinanzjat "Programm għall-kwalità tal-laħam għaċ-ċanga", li jinkludi rekwiżiti ta' trattament xieraq tal-annimali għall-akkomodazzjoni, l-użu tal-antibijotiċi, u l-kundizzjonijiet għat-trasport u l-qatla[35]. Il-PAK tippermetti li jiġu ffinanzjati alternattivi għat-trasport tal-annimali: f'Malta, il-PAK tat appoġġ lil biċċerija żgħira marbuta ma' razzett tal-fniek, u fil-Latvja pprovdiet appoġġ lil biċċerija mobbli għall-użu komuni.

---

[30] Il-Kummissjoni, Study on CAP Measures and Instruments Promoting Animal Welfare and Reduction of Antimicrobials Use (2022), p. 7.

[31] Id-Direttiva 2008/119/KE li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-għoġġiela; id-Direttiva 2008/120/KE li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-majjali; id-Direttiva 98/58/KE dwar il-ħarsien ta' annimali miżmuma għal skopijiet ta' biedja.

[32] L-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) Nru 2021/2115.

[33] Il-Kummissjoni, Lista ta' prattiki agrikoli potenzjali li jistgħu jiġu appoġġati mill-iskemi ekoloġiċi (2021).

[34] Il-Kummissjoni, Study on CAP Measures and Instruments Promoting Animal Welfare and Reduction of Antimicrobials Use (2022), pp. 7-10, 48-50.

[35] Il-Kummissjoni, Study on CAP Measures and Instruments Promoting Animal Welfare and Reduction of Antimicrobials Use (2022), pp. 53 u 69.

## Ma hemm ebda standard komuni għat-tikkettar tal-laħam

**29** Fil-livell tal-UE, l-indikazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini – **it-tikkettar tal-oriġini** – għaċ-ċanga ilha obbligatorja mill-2000[36] u għal-laħam tal-majjal, tal-pollam, tan-nagħaġ u tal-mogħoż mill-2015[37]. Ma hemm ebda rekwiżit obbligatorju għal laħmijiet oħra, bħal-laħam taż-żiemel u tal-fenek. Bħala parti mill-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt tagħha, il-Kummissjoni qed tikkunsidra li testendi r-rekwiżiti obbligatorji dwar l-oriġini biex jinkludu prodotti tal-ikel oħrajn[38].

**30** Il-qafas legali attwali tal-UE jirrikjedi li tiġi pprovduta informazzjoni speċifika dwar l-oriġini, skont it-tip ta' laħam (***Tabella 1***).

### Tabella 1 – Informazzjoni dwar it-tikkettar tal-oriġini

| Tip ta' laħam | Rekwiżiti tat-tikkettar |
|---|---|
| Ċanga | Obbligu li jiġu indikati l-postijiet ta' twelid, trobbija u qatla |
| Laħam tal-majjal, tal-pollam, tan-nagħaġ u tal-mogħoż | Ebda obbligu li jiġi indikat il-post tat-twelid.<br>Obbligu li jiġu indikati l-postijiet ta' trobbija u qatla iżda:<br>o id-definizzjoni ta' trobbija tippermetti lill-annimal iqatta' perjodu qasir f'pajjiż għajr il-pajjiż indikat bħala l-pajjiż ta' trobbija fuq it-tikketta;<br>o l-indikazzjonijiet ta' siti ta' trobbija u ta' qatla jistgħu jiġu ssostitwiti mill-indikazzjoni "oriġini" jekk l-operatur tan-negozju tal-ikel jista' jipprovdi evidenza li l-laħam inkiseb minn annimali li jkunu twieldu, trabbew u nqatlu f'pajjiż wieħed. |

*Sors:* il-QEA.

**31** Skont stħarriġ li wettqet il-Kummissjoni fost il-konsumaturi fl-2020, il-konsumaturi ftit għandhom fehim tat-termini "imrobbija fi" u "oriġini". Il-biċċa l-kbira minnhom jinterpretaw "imrobbija fi" bħala l-pajjiż li fih l-annimal ikun qatta' ħajtu sħiħa, jew fejn ikun twieled[39].

---

[36] L-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000.

[37] L-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1337/2013.

[38] Il-Kummissjoni, l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt (2020), p. 13.

[39] Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Evaluation of the mandatory indication of the country of origin or place of provenance for fresh, chilled and frozen meat of swine, sheep, goats and poultry (2021), p. 13; il-Kummissjoni, Rapport li jevalwa l-indikazzjoni

**32** Tipi oħra ta' tikketti jintużaw fis-**sistema ta' indikazzjoni ġeografika** tal-UE (il-paragrafu ***19***), li tiddenomina prodott li l-kwalità jew ir-reputazzjoni tiegħu tkun marbuta mal-oriġini ġeografika tiegħu. Il-prodotti relatati mal-annimali jistgħu jużaw iż-żewġ sistemi ta' tikketti li ġejjin: denominazzjoni ta' oriġini protetta u indikazzjoni ġeografika protetta (***Tabella 2***).

### Tabella 2 – Limitazzjonijiet fit-trasparenza tat-tikketti ta' indikazzjoni ġeografika tal-UE

| Denominazzjoni ta' oriġini protetta | Indikazzjoni ġeografika protetta |
|---|---|
| Il-passi tal-produzzjoni kollha (twelid, trobbija u qatla) iridu jsiru fi ħdan żona ġeografika ddefinita | Minn tal-inqas pass tal-produzzjoni wieħed irid isir fiż-żona ddefinita<br>L-annimal jista' jitwieled jew jinqatel f'postijiet għajr iż-żona ġeografika koperta mill-Indikazzjoni Ġeografika Protetta |

*Sors:* il-QEA.

**33** Is-**Sistema tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali ggarantiti** (il-paragrafu ***19***) ukoll tuża tikkettar speċjali għall-prodotti tal-ikel. Hija tenfasizza l-aspetti tradizzjonali, bħall-mod ta' kif isir il-prodott jew il-kompożizzjoni tiegħu, mingħajr ma jkun marbut ma' żona ġeografika speċifika. Din l-iskema tal-kwalità tipproteġi l-metodu ta' produzzjoni, iżda l-prodott innifsu jista' jiġi prodott xi mkien ieħor.

**34** Attwalment, hemm **sistema ta' tikkettar għat-trattament xieraq tal-annimali** obbligatorja li tapplika fl-UE kollha (il-paragrafu ***19***), u tapplika għall-bajd għall-ikel. L-immarkar tal-bajd jiddependi mis-sistema użata għat-trobbija tat-tiġieġ tal-bajd. L-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għal-laħam tal-pollam jiddefinixxu ċerti termini mhux obbligatorji, li jinkludu wkoll referenzi għal tipi differenti ta' biedja[40].

obbligatorja tal-pajjiż ta' oriġini jew tal-post ta' provenjenza għal-laħam tal-majjal, tat-tjur, tan-nagħaġ u tal-mogħoż (2021), p. 6.

[40] EPRS, Animal welfare on the farm – ex-post evaluation of the EU legislation: Prospects for animal welfare labelling at EU level (2021), p. 73.

**35** Fl-assenza ta' regoli tal-UE speċifiċi oħra, il-prodotti relatati mat-trattament xieraq tal-annimali huma suġġetti għal ċertifikazzjoni volontarja fil-livell nazzjonali[41]. B'riżultat ta' dan, tfaċċaw diversi skemi ta' tikkettar nazzjonali. Dawn isegwu approċċi differenti, jipprovdu livelli differenti ta' protezzjoni tat-trattament xieraq tal-annimali, u jistgħu jħawdu lill-konsumaturi[42]. Bħala parti mill-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt tagħha, il-Kummissjoni ħabbret li se tqis opzjonijiet għal tikkettar li jippromwovi t-trattament xieraq tal-annimali[43].

**36** Skont studju tal-2022[44], żewġ terzi tal-konsumaturi ħassew li l-informazzjoni disponibbli għalihom ma kinitx biżżejjed biex jagħmlu għażliet ta' xiri infurmati abbażi tat-trattament xieraq tal-annimali. Kważi nofshom jixtiequ jirċievu aktar informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-qatla (40 %) u tmigħ adegwat (40 %). Ir-rispondenti kienu inqas interessati fid-durata tat-trasport (16 %) u l-kundizzjonijiet tat-trasport (16 %).

## Strateġiji reċenti tal-UE pproponew sistema tal-ikel aktar sostenibbli

**37** It-trasport tal-annimali jinvolvi kostijiet ambjentali sinifikanti[45]. Studji speċifiċi qabblu l-impatt tat-trasport tal-laħam u l-karkassi mat-trasport ta' annimali ħajjin. Dawn l-istudji wrew li dak tal-ewwel huwa aktar adatt mil-lat ambjentali u mil-lat ta' tibdil fil-klima[46].

**38** Il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt jippromwovu t-tranżizzjoni lejn sistema tal-ikel aktar sostenibbli. Il-Patt Ekoloġiku jissuġġerixxi li l-prezz tat-trasport jenħtieġ li jirrifletti l-impatt tiegħu fuq l-ambjent. Inizjattivi finanzjarji mfassla tajjeb jista' jkollhom rwol dirett billi jittrażmettu s-sinjal tal-prezz it-tajjeb u jipprovdu l-inċentivi t-tajba biex iħeġġu mġiba sostenibbli min-naħa tal-produtturi, l-

---

[41] L-Artikoli 36 u 37 tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011; Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Linji gwida tal-aqwa prattiki tal-UE għat-tħaddim ta' skemi ta' ċertifikazzjoni volontarji għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (2010).

[42] Il-Kummissjoni, Valutazzjoni tal-impatt tal-bidu dwar it-trattament xieraq tal-annimali (2021), p. 2.

[43] Il-Kummissjoni, l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt (2020), p. 8.

[44] Il-Kummissjoni, Study on animal welfare labelling (2022), pp. 18-21.

[45] Baltussen et al., Transport of live animals versus meat (2017), p. 7; il-Kummissjoni, Fitness check of EU animal welfare legislation (2022), p. 49.

[46] Baltussen et al., Transport of live animals versus meat (2017), pp. 13 and 15; Baltussen et al., Sustainable production: transporting animals or meat? (2009), pp. 7 u 10.

utenti u l-konsumaturi[47]. Skont il-Kummissjoni, tali tranżizzjoni ma tistax tiġi prevista mingħajr bidliet strutturali kemm fil-katina tal-provvista kif ukoll fix-xejriet ta' konsum tal-ikel[48].

## Fatturi ekonomiċi

**39** Filwaqt li diversi fatturi (eż. il-kundizzjonijiet naturali ta' produzzjoni) jinfluwenzaw it-trasport ta' annimali ħajjin, il-fatturi ekonomiċi huma l-forza mexxejja prinċipali wara t-trasport tal-annimali. Fil-kuntest tas-suq uniku tal-UE, l-operaturi jisfruttaw id-differenzi fil-kostijiet tal-produzzjoni u tal-qatla bejn Stat Membru u ieħor biex inaqqsu l-kostijiet u jimmassimizzaw id-dħul[49]. Aħna identifikajna ħames fatturi ekonomiċi ewlenin li jħeġġu t-trasport ta' annimali ħajjin:

- l-ispeċjalizzazzjoni tas-settur tal-bhejjem;
- il-konċentrazzjoni fis-settur tal-qatla;
- id-differenzi fil-kostijiet tal-produzzjoni tal-annimali u f'dawk tal-qatla bejn l-Istati Membri;
- il-marġinalità tal-kostijiet tat-trasport; u
- il-preferenzi tal-konsumaturi.

### L-ispeċjalizzazzjoni tas-settur tal-bhejjem

**40** Għal aktar minn 70 sena, is-settur tal-bhejjem kien involut fi proċess ta' modernizzazzjoni u intensifikazzjoni, bil-għan li jimmassimizza l-produzzjoni għal kull annimal u jnaqqas il-kostijiet[50]. Xi territorji tal-UE saru speċjalizzati ħafna fil-produzzjoni intensiva tal-annimali, oħrajn fil-produzzjoni tal-għelejjel. Din l-ispeċjalizzazzjoni kienet dovuta wkoll għal kundizzjonijiet naturali ta' produzzjoni (eż. iż-żoni tal-mergħat għandhom konċentrazzjoni ogħla ta' produzzjoni tal-ħalib u għoġġiela tal-ħalib). Bejn l-2005 u l-2016, l-għadd totali ta' azjendi agrikoli naqas bi

[47] Il-Kummissjoni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew (2019), p. 17.

[48] Il-Kummissjoni, Fitness check of EU animal welfare legislation (2022), p. 49.

[49] Il-Kummissjoni, Fitness check of EU animal welfare legislation (2022), p. 15.

[50] Il-Kummissjoni, The future of the livestock sector (2020), p. 36.

28.6 %, u dawk bil-bhejjem b’37.6 %[51]. Filwaqt li l-għadd kumplessiv ta’ azjendi agrikoli naqas, id-daqs tal-azjendi li jifdal żdied.

**41** Filwaqt li l-għadd ta’ bhejjem tal-ifrat, ħnieżer, nagħaġ u mogħoż fl-EU-27 kien relattivament stabbli mill-2010 sal-2020, l-għadd ta’ pollam żdied. Il-produzzjoni tal-bhejjem mhijiex distribwita b’mod ugwali fl-UE kollha (***Figura 4***) u hemm differenzi wkoll fid-densità tal-produzzjoni tal-bhejjem bejn ir-reġjuni fi ħdan Stati Membri individwali.

## Figura 4 – Distribuzzjoni tal-bhejjem bejn l-Istati Membri (2016 għall-pollam; 2021 għall-ħnieżer, il-bhejjem tal-ifrat, in-nagħaġ u l-mogħoż)




*Sors:* il-QEA, abbażi ta’ *data* pprovduta mill-Eurostat.

**42** L-ispeċjalizzazzjoni sseħħ fil-livell reġjonali, iżda wkoll fil-livell tar-razzett, fejn l-irziezet jispeċjalizzaw fi speċi waħda eż. il-pollam (il-laħam jew il-bajd), il-ħnieżer, il-

[51] Eurostat, Agri-environmental indicator: livestock patterns.

vitella jew il-baqar tal-ħalib, jew fi stadju ta' produzzjoni wieħed, eż. it-tnissil jew it-tismin. Il-*Figura 5* turi l-eżempju tas-settur tal-pollam.

### Figura 5 – Speċjalizzazzjoni tas-settur tal-pollam




*Sors:* Van Horne, Competitiveness of the EU poultry meat sector (2018), p. 17.

**43** Fost fatturi oħra, din l-ispeċjalizzazzjoni tikkontribwixxi għat-trasport ta' annimali ħajjin minn Stat Membru għal ieħor, pereżempju:

- il-ħnieżer li jissemmnu u jinqatlu fil-Ġermanja spiss ikunu twieldu fid-Danimarka jew fin-Netherlands[52];
- il-bhejjem tal-ifrat li jitwieldu fi Franza, l-Irlanda jew il-Litwanja spiss jissemmnu u jinqatlu fi Spanja jew l-Italja (il-*Kaxxa 2*).

[52] Bittlmayer, Local Characteristics of Pig Production in Germany and Bavaria (2019).

### Kaxxa 2

### Il-produzzjoni tal-vitella u taċ-ċanga fl-Italja u fi Spanja tiddependi fuq l-għoġġiela minn Stati Membri oħra

L-Italja tipproduċi l-vitella u Spanja tipproduċi ċ-ċanga. Iż-żewġ pajjiżi jiddependu l-aktar fuq bhejjem tal-ifrat ta' oriġini nazzjonali, iżda jimportaw ukoll l-għoġġiela minn Stati Membri oħra biex ilaħħqu ma':

- id-**domanda staġjonali**: L-Italja timporta l-bhejjem tal-ifrat minn April sa Ġunju biex tikkumpensa għall-provvista inadegwata minn sorsi nazzjonali matul dan il-perjodu, u biex tiżgura provvisti ta' vitella meta d-domanda nazzjonali tkun ogħla minn Diċembru sa Jannar;
- id-**domanda ta' esportazzjoni**: Spanja (il-Katalonja u Aragona) tiddependi minn importazzjonijiet ta' għoġġiela biex tlaħħaq mad-domanda dejjem tiżdied għall-bhejjem tal-ifrat li jiġu esportati lejn il-Lvant Nofsani għall-qatla.

*Sors:* Il-Kummissjoni, Study on shifting from transport of unweaned dairy calves over long distance to local rearing and fattening (2022), pp. 25-29.

## Żieda fil-konċentrazzjoni fis-settur tal-qatla

**44** Ma hemm ebda *data* eżawrjenti dwar l-għadd ta' biċċeriji fl-UE, iżda s-settur għadda minn proċess ta' konsolidazzjoni, b'xejra lejn inqas biċċeriji li jkunu ikbar fid-daqs[53]. Il-***Figura 6*** turi x-xejra fil-Polonja mill-2010 'l hawn. Din ix-xejra aċċellerat bid-dħul fis-seħħ tal-pakkett tal-UE dwar l-iġjene (il-paragrafu ***19***) fl-2006. Ħafna biċċeriji żgħar sabuha diffiċli biex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' iġjene aktar stretti taħt il-leġiżlazzjoni l-ġdida u jibqgħu ekonomikament vijabbli[54].

[53] EFA, A strategy to reduce and replace live animal transport (2019), p. 18.

[54] IPOL, Patterns of livestock transport in the EU and to third countries (2021), p. 11.

## Figura 6 – Għadd ta' biċċeriji fil-Polonja (2010-2022)




*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-awtoritajiet Pollakki.

**45** Biċċeriji akbar isibuha aktar faċli li jissodisfaw regoli ta' iġjene aktar stretti. Madankollu, peress li ġeneralment joperaw b'marġnijiet ta' profitt baxxi, jeħtieġ li jżommu produttività għolja biex jiksbu ekonomiji ta' skala, u dan jirrikjedi għadd suffiċjentement għoli ta' annimali minn żona ġeografika usa'. Huma għandhom tendenza wkoll li jispeċjalizzaw f'tipi partikolari ta' annimali, eż. ħnieżer, ħnieżer nisa, għoġġiela tas-simna, barrin, pollam, jew ħrief. Dawn il-problemi kollha kkontribwew għat-tnaqqis tal-għadd ta' biċċeriji u waslu għal żieda fit-trasport fuq distanzi twal u żieda potenzjali fit-trasport transfruntier ta' annimali ħajjin għall-qatla, speċjalment għal annimali li jappartjenu għal kategoriji żgħar mil-lat ta' kemm ikun hemm minnhom, bħad-dundjani jew annimali fi tmiem il-ħajja produttiva tagħhom (eż. it-tiġieġ tal-bajd)[55].

[55] EFA, A strategy to reduce and replace live animal transport (2019), p. 18; IPOL, Patterns of livestock transport in the EU and to third countries (2021), p. 11.

**46** Żewġ studji[56] vvalutaw il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tat-trasport fuq distanzi twal ta' annimali ħajjin għall-qatla, meta mqabbla mal-qatla lokali segwita mit-trasport tal-laħam. Iż-żewġ studji kkonkludew li t-trasport tal-laħam minflok ta' annimali ħajjin jista' jkun aktar sostenibbli mil-lat tat-trattament xieraq tal-annimali.

**47** L-istudju tal-2017 stma l-kostijiet relatati mat-trasport tat-tiġieġ tal-bajd fi tmiem il-perjodu riproduttiv tagħhom min-Netherlands għall-Polonja, u t-trasport ta' ħrief ħajjin mill-Ungerija għall-Italja (***Figura 7***). Fl-ewwel każ, minħabba kostijiet tal-qatla ogħla fin-Netherlands milli fil-Polonja, kien irħas li jiġu ttrasportati annimali ħajjin milli l-laħam. Għad li fit-tieni każ kien orħos li jiġi ttrasportat il-laħam minflok l-annimali ħajjin, il-ħrief ġew ittrasportati xorta minħabba li pprevalew fatturi oħra (eż. il-kapaċità limitata għall-qatla fl-Ungerija[57]).

---

[56] Baltussen et al., Sustainable production: transporting animals or meat? (2009); Baltussen et al., Transport of live animals versus meat (2017).

[57] Baltussen et al., Transport of live animals versus meat (2017), p. 14.

## Figura 7 – Kost tat-trasport ta' annimali ħajjin meta mqabbel mat-trasport tal-laħam




*Sors:* Baltussen et al., Transport of live animals versus meat (2017), pp. 12-14.

**48** Possibbiltà waħda biex jitnaqqas it-trasport tal-annimali hija li l-qatla titqarreb lejn is-sit ta' produzzjoni billi jiġu żviluppati biċċeriji lokali u faċilitajiet mobbli għall-qatla. Ir-riċerkaturi kkonkludew li, fl-Iżvezja, bis-saħħa ta' għadd suffiċjenti ta' biċċeriji mobbli u ta' skala żgħira, il-vjaġġi ta' aktar minn erba' sigħat għall-ħnieżer u l-bhejjem tal-ifrat kważi kważi ma jibqgħux meħtieġa[58]. Madankollu, il-biċċeriji lokali u mobbli jirrappreżentaw soluzzjonijiet ta' skala żgħira, li jissodisfaw domanda niċċa u ħtiġijiet speċifiċi[59]:

- **Biċċeriji lokali**: fil-Ġermanja, xi biċċeriji lokali speċjalizzaw fi prodotti primjum ipproċessati tradizzjonalment, billi użaw laħam mir-reġjun u pprovdew katina tal-

[58] Håkansson et al., Improvement of animal welfare by strategic analysis and logistic optimisation of animal slaughter transportation (2016), p. 261.

[59] EFA, A strategy to reduce and replace live animal transport (2019), pp. 5 u 27.

provvista trasparenti mir-razzett għall-ħanut tal-laħam[60]. B'mod simili, fl-Iżvezja, standards regolatorji stretti għat-trattament xieraq tal-annimali u attenzjoni akbar li l-konsumatur qed jagħti lil laħam sostenibbli li jkun ġej minn sorsi lokali ħeġġew investimenti fil-produzzjoni fuq skala żgħira ta' prodotti primjum[61].

- **Biċċeriji mobbli**: dawn jistgħu jipprovdu soluzzjoni komplementari biex jiġu ssodisfati ħtiġijiet speċifiċi, eż. biex ma jiġux ittrasportati baqar mhux b'saħħithom li jkunu waslu fi tmiem il-karriera tagħhom[62]. Madankollu, biċċeriji mobbli jħabbtu wiċċhom ma' sfidi mil-lat tal-loġistika u l-profitabbiltà. Huma għandhom spejjeż operazzjonali għoljin u s-suċċess tagħhom jiddependi minn opportunitajiet biex jinħoloq valur miżjud u jiġu imposti prezzijiet bl-imnut primjum għall-prodotti finali[63].

**49** F'Jannar 2022[64], il-Parlament Ewropew irrakkomanda li jinbnew faċilitajiet għall-qtil u l-ipproċessar f'aktar postijiet, u li jiġi żviluppat il-qtil fir-razzett bl-użu tal-biċċeriji mobbli, speċjalment f'żoni remoti (eż. f'reġjuni muntanjużi u fi gżejjer). Huwa ssuġġerixxa li jiġu ffinanzjati soluzzjonijiet b'fondi tal-UE eżistenti. Grupp ta' interess tal-bdiewa tal-UE, Copa Cogeca, jippreferi li l-appoġġ mill-UE jingħata lil biċċeriji eżistenti biex itejbu l-faċilitajiet u l-ġestjoni tal-annimali tagħhom, aktar mill-bini ta' aktar biċċeriji lokali[65].

---

[60] Eurofound, Meat processing workers (2018), p. 3; IPOL, Patterns of livestock transport in the EU and to third countries (2021), p. 13.

[61] Eurofound, Meat processing workers (2018), p. 2.

[62] EFA, A strategy to reduce and replace live animal transport (2019), p. 27; il-Kummissjoni, Study on economic models to prevent the transport of unfit end-of-career dairy cows (2022), pp. 157-162.

[63] IPOL, Patterns of livestock transport in the EU and to third countries (2021), p. 12; Hultgren, Avoiding live-animal transport to slaughter: mobile abattoirs (2022); il-Kummissjoni, Study on economic models to prevent the transport of unfit end-of-career dairy cows (2022), p. 161.

[64] Il-Parlament Ewropew, Rakkomandazzjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport fl-Unjoni (2022), il-paragrafi 39, 89, 105.

[65] Il-pożizzjoni ta' Copa Cogeca dwar it-trattament xieraq tal-annimali matul it-trasport (2021), p. 2.

## Il-kostijiet għall-produzzjoni tal-annimali u dawk għall-qtil ivarjaw minn Stat Membru għal ieħor

**50** Id-differenzi fil-kostijiet bejn l-istadji ta’ produzzjoni (eż. it-tnissil u t-tlestija) jistgħu jinfluwenzaw it-trasport tal-annimali. Id-driefeġ huma relattivament irħas fid-Danimarka u fin-Netherlands, u dan jispjega l-għadd kbir li jiġi ttrasportat lejn il-Ġermanja minn dawn iż-żewġ pajjiżi[66]. It-tismin tal-ħnieżer għall-qatla (it-tlestija) jiswa aktar fil-Ġermanja milli fid-Danimarka, iżda l-industrija tal-laħam fil-Ġermanja hija aktar effiċjenti minħabba kostijiet lavorattivi aktar baxxi[67].

**51** Id-differenzi fil-kostijiet tal-qatla għal kull annimal jistgħu jħeġġu t-trasferiment ta’ attivitajiet ta’ qtil lejn Stati Membri aktar kosteffettivi. Pereżempju, studju dwar is-settur tal-pollam stma li l-komponenti prinċipali tal-kostijiet tal-qatla huma:

- il-manodopera (35 );
- il-bini u t-tagħmir (25 %);
- kostijiet oħra (40 %), inklużi t-trasport, l-enerġija, l-ilma, l-ispezzjoni u l-ippakkjar[68].

**52** Il-kostijiet fis-settur tal-pollam ivarjaw minn Stat Membru għal ieħor. Madankollu, billi l-biċċeriji kollha fl-UE jużaw tagħmir simili, l-istudju ssuppona li d-differenzi fil-kostijiet tal-qatla fis-settur tal-pollam bejn il-pajjiżi prinċipalment kienu r-riżultat ta’ differenzi fil-pagi[69]. B’mod ġenerali, l-industrija tal-ipproċessar tal-laħam kulma jmur jimpjega migranti, ħaddiema b’kuntratti temporanji u ħaddiema temporanji rreklutati permezz ta’ aġenziji esterni[70].

**53** Ma hemm ebda bażi ta’ *data* għall-UE disponibbli għall-pubbliku biex tipprovdi fehim approfondit tal-kostijiet tal-produzzjoni tal-annimali jew tal-kostijiet tal-qatla min-naħa ta’ Stat Membru[71].

---

[66] Hoste, International comparison of pig production costs (2018), p. 16.

[67] Hoste, International comparison of pig production costs (2018), p. 16.

[68] Van Horne, Competitiveness of the EU poultry meat sector (2018), p. 22.

[69] Van Horne, Competitiveness of the EU poultry meat sector (2018), p. 22.

[70] Eurofound, Meat processing workers (2018), pp. 6 u 13.

[71] Il-Kummissjoni, Fitness check of EU animal welfare legislation (2022), p. 7.

## It-tbatija tal-annimali mhijiex riflessa fil-kostijiet tat-trasport jew fil-prezzijiet tal-laħam

**54** L-istudji kkalkulaw il-kostijiet tat-trasport bl-użu ta' metodi differenti (skont il-kunsinna, l-annimal, il-kilometru)[72]. Il-kost tat-trasport tal-bhejjem jiddependi minn għadd ta' fatturi, bħat-tip ta' annimal u d-distanza koperta. Il-kostijiet lavorattivi jirrappreżentaw parti sinifikanti tal-kostijiet tat-trasport totali, kif ukoll il-fjuwil, it-tagħmir, il-kontrolli tas-saħħa tal-annimali u l-pedaġġi[73].

**55** Ma hemm ebda bażi ta' *data* li tipprovdi fehim approfondit tal-kostijiet ta' trasport fl-Istati Membri individwali tal-UE. Fl-assenza ta' *data* armonizzata, ma stajniex niddeterminaw il-kontribut tal-kostijiet tat-trasport fil-prezz finali tal-laħam li jħallas il-konsumatur. Madankollu, l-evidenza u d-dikjarazzjonijiet limitati min-naħa tal-industrija jissuġġerixxu li l-kostijiet tat-trasport ġeneralment jirrappreżentaw frazzjoni żgħira tal-prezz bl-imnut totali tal-laħam. Studju dwar il-pollam stma li għal filetti tas-sidra tal-pollam minn produtturi tal-UE mibjugħa fil-Ġermanja, il-kostijiet tat-trasport jirrappreżentaw medja ta' żewġ ċenteżmi għal kull kilogramma, jiġifieri inqas minn 1 % tal-prezz totali għal-laħam[74].

**56** Ftit sibna *data* disponibbli dwar il-konsegwenzi finanzjarji tal-problemi relatati mat-trattament xieraq tal-annimali matul it-trasport. Studju tal-2015[75] stma l-kostijiet relatati mal-ġrieħi, iz-zappip, il-mewt u problemi oħra, għal annimali ttrasportati għall-produzzjoni jew għall-qatla. In-nuqqas ta' *data* komprensiva disponibbli għall-awtoritajiet tal-Istati Membri u għall-Kummissjoni jostakola l-iżvilupp ta' sistemi ta' inċentivi li jistgħu jħeġġu lill-kumpaniji ta' trasport jieħdu passi ħalli jipprevienu problemi relatati mat-trattament xieraq tal-annimali.

**57** Fl-Irlanda, l-impatt finanzjarju tal-laħam irrifjutat fil-biċċeriji minħabba trattament ħażin tal-annimali (eż. li jirriżulta f'leżjonijiet kutanji jew kontużjonijiet fuq id-dirgħajn u r-riġlejn) huwa stmat li jilħaq it-43 % tal-marġni ta' profitt tal-produtturi, u

---

[72] Van Wagenberg, The economics of animal transport (2019), p. 6; il-Kummissjoni, Study on shifting from transport of unweaned dairy calves over long distance to local rearing and fattening (2022), p. 39; il-Kummissjoni, Welfare of animals exported by road (2020), p. 5.

[73] Van Wagenberg, The economics of animal transport (2019) p. 6.

[74] Van Horne, Competitiveness of the EU poultry meat sector (2018), p. 6.

[75] Van Wagenberg et al., Cost-benefit analysis of private certification schemes for animal welfare during long-distance transport in the EU (2015).

jikkostitwixxi theddida serja għall-vijabbiltà tal-irziezet tal-ħnieżer[76]. Madankollu, f'ċerti każijiet, in-nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar it-trasport ta' annimali mhux b'saħħithom jista' jġib miegħu gwadann finanzjarju għall-produtturi (***Kaxxa 3***).

### Kaxxa 3

### Eżempji ta' raġunijiet li għalihom annimali mhux b'saħħithom jintbagħtu għall-qatla

Id-deċiżjoni ta' bidwi li ma jagħtix trattament lil baqar mhux b'saħħithom qabel il-qatla hija dovuta għal nuqqas ipperċepit ta' kosteffettività biex jagħmel dan. Ġeneralment, lill-bdiewa jiswielhom aktar li joqtlu baqar mhux b'saħħithom fir-razzett milli jibagħtuhom f'biċċerija, filwaqt li l-bejgħ tagħhom lil biċċerija – anke fi stat ħażin ta' saħħa – jaf jirriżulta fi gwadann finanzjarju.

Barra minn hekk, is-sanzjonijiet ġeneralment ma jaġixxux bħala deterrent għal prattiki ħżiena jew għal attivitajiet illegali, billi l-operaturi jipperċepixxu li s-sanzjonijiet huma baxxi meta mqabbla mal-prezz li jiksbu għall-annimal. Pereżempju, waqt wieħed mill-kontrolli tagħha, il-Kummissjoni sabet li kienet ġiet imposta multa ta' EUR 250 għat-trasport ta' barri b'sieq miksura, meta l-valur approssimattiv ta' barri maqtul jista' jkun ta' madwar EUR 1 500.

*Sors:* Il-Kummissjoni, Study on economic models to prevent the transport of unfit end-of-career dairy cows (2022) p. iv; il-Kummissjoni, Fitness check of EU animal welfare legislation (2022), p. 33; il-Kummissjoni, Overview report on systems to prevent the transport of unfit animals in the EU (2015), p. 9.

## Il-preferenzi tal-konsumaturi jistgħu jaffettwaw it-trasport tal-annimali

**58** Il-preferenzi tal-konsumaturi jinfluwenzaw it-trasport tal-annimali[77]. Id-domanda tal-konsumatur għal laħam lokali, laħam minn annimal li jkun għadu kemm inqatel, jew biċċiet partikolari ta' laħam, flimkien mad-domanda staġjonali għal tipi speċifiċi ta' laħam, huma kollha fatturi li jistgħu jaffettwaw il-ħtieġa għat-trasport tal-annimali. Eżempju wieħed huwa l-importazzjoni tal-ħrief fl-Italja matul il-perjodu tal-Għid.

**59** Skont l-Ewrobarometru 2022 dwar is-sikurezza tal-ikel, huma u jixtru l-ikel il-biċċa l-kbira mir-rispondenti (54 %) iqisu l-kost tal-prodott, 46 % iħarsu lejn l-oriġini

[76] Il-Kummissjoni, Fitness check of EU animal welfare legislation (2022), p. 42.

[77] EFA, A strategy to reduce and replace live animal transport (2019), p. 17.

ġeografika, u inqas rispondenti jqisu l-impatt fuq l-ambjent u l-klima (16 %) jew aspetti etiċi, bħat-trattament xieraq tal-annimali (15 %)[78].

**60** L-istudju tal-Kummissjoni dwar it-tikkettar li jippromwovi t-trattament xieraq tal-annimali sab li, għalkemm il-konsumaturi ddikjaraw li ħadu inkunsiderazzjoni l-aspetti relatati mat-trattament xieraq tal-annimali huma u jixtru l-prodotti tal-laħam, mhux dejjem kienu lesti li jħallsu prezzijiet ogħla għal prodotti li jkunu segwew aħjar il-prinċipji tat-trattament xieraq tal-annimali. Ir-rieda tagħhom li jħallsu aktar żdiedet meta ġew infurmati dwar il-kundizzjonijiet tat-trobbija tal-annimali, u jekk emmnu li prodott kien ta' kwalità ogħla[79]. Madankollu, l-organizzazzjonijiet tal-industrija jemmnu li r-redditu tas-suq għadu mhux biżżejjed biex jirkupra l-investimenti fit-trattament xieraq tal-annimali, għaliex il-konsumaturi mhumiex konxji tal-istandards li skonthom jiġi prodott l-ikel tagħhom, u għalhekk il-prezz jibqa' l-aktar fattur importanti fl-għażliet involuti fix-xiri tal-ikel min-naħa tal-konsumatur[80].

**61** Fil-futur, il-konsumaturi jista' jkollhom rwol importanti fil-promozzjoni tal-bidla, peress li, skont il-Kummissjoni, huma mistennija jagħtu aktar attenzjoni għal:

- il-proċessi ta' produzzjoni u l-oriġini tal-prodott (eż. is-swieq lokali, l-iskemi ta' prodotti organiċi u skemi tal-kwalità oħra, it-trattament xieraq tal-annimali u l-impronta ambjentali);
- il-kunsiderazzjonijiet tas-saħħa (konsum aktar baxx jew ebda konsum ta' proteini tal-annimali);
- il-konvenjenza (bidla minn laħam frisk għal laħam aktar ipproċessat)[81].

**62** Sal-2031, il-konsum tal-laħam fl-UE huwa mistenni li jonqos, għall-kuntrarju tax-xejra globali. Madankollu, permezz tal-kampanji promozzjonali tagħha, il-Kummissjoni tgħin lill-bdiewa tal-UE u lill-industrija tal-ikel ibigħu l-prodotti tal-biedja tagħhom, inklużi l-laħam (frisk, imkessaħ u ffriżat) u preparati mil-laħam[82]. Minn perspettiva usa',

[78] EFSA, Eurobarometer on food safety in the EU (2022), p. 8.

[79] Il-Kummissjoni, Study on animal welfare labelling (2022), p. 110.

[80] Il-Kummissjoni, Fitness check of EU animal welfare legislation (2022), p. 42.

[81] Il-Kummissjoni, EU Agricultural outlook 2021-2031 (2021), p. 30.

[82] L-Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1144/2014.

hemm rabta bejn il-volum ta’ laħam ikkonsmat u l-għadd ta’ annimali ħajjin li jiġu ttrasportati[83].

[83] IPOL, Patterns of livestock transport in the EU and to third countries (2021), pp. 13-14.

# Xejriet fit-trasport tal-annimali

## Ma hemm ebda *data* ċċentralizzata komprensiva dwar it-trasport tal-annimali fil-livell tal-UE

**63** Id-*data* dwar it-trasport ta' annimali ħajjin hija frammentata fil-livell tal-UE[84]. Ir-raġuni prinċipali wara dan hija li l-leġiżlazzjoni tal-UE ma tirrikjedix lill-Istati Membri jiġbru u jirrappurtaw *data* dwar it-trasport ta' annimali ħajjin. Ir-Regolament dwar it-Trasport jirrikjedi biss li l-Istati Membri jirrappurtaw dwar l-ispezzjonijiet li jwettqu[85]. Fil-kuntest tal-prevenzjoni ta' mard tal-annimali, il-liġi dwar is-saħħa tal-annimali tirrikjedi li l-Istati Membri jirreġistraw il-movimenti tal-annimali f'bażijiet ta' *data* nazzjonali għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni[86]. Dawn il-bażijiet ta' *data* nazzjonali nħolqu għall-iskop tal-identifikazzjoni tal-annimali, ir-reġistrazzjoni tal-irziezet, u l-kontroll tal-mard. Il-fehma tal-Kummissjoni hija li dawn il-bażijiet ta' *data* mhumiex xierqa għall-estrazzjoni u l-analiżi ta' *data* dwar it-trasport tal-annimali.

**64** Hemm żewġ bażijiet ta' *data* tal-UE li jipprovdu informazzjoni dwar it-trasport tal-annimali:

- **Comext**, li hija bażi ta' *data* tal-Eurostat dwar il-kummerċ internazzjonali tal-oġġetti, inklużi l-annimali ħajjin.
- **TRACES**, il-pjattaforma online tal-Kummissjoni għaċ-ċertifikazzjoni sanitarja u fitosanitarja relatata mal-kummerċ intra-UE u l-importazzjoni u l-esportazzjoni tal-annimali, l-ikel, l-għalf u l-pjanti.

**65** L-annimali jistgħu jiġu ttrasportati fi Stat Membru ieħor, jekk ikunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa tal-annimali[87]. Dawn il-movimenti jridu jiġu nnotifikati permezz tal-bażi ta' *data* TRACES[88]. Vjaġġi lejn pajjiżi mhux tal-UE jiġu rreġistrati fi TRACES biss meta l-annimali jgħaddu minn Stat Membru ieħor. Il-Kummissjoni

[84] EPRS, Protection of animals during transport (2021), p. 8; il-Parlament Ewropew, Riżoluzzjoni dwar l-implimentazzjoni rigward ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 (2019), il-paragrafu 23.

[85] L-Artikolu 27(2) tar-Regolament (KE) Nru 1/2005.

[86] L-Artikolu 109 tar-Regolament (UE) Nru 2016/429.

[87] L-Artikolu 143(1) tar-Regolament (UE) 2016/429.

[88] L-Artikolu 153(2) tar-Regolament (UE) 2016/429.

tirrikonoxxi li hija ma għandhiex stampa kompleta tal-esportazzjonijiet tal-annimali li jsiru bit-triq[89]. L-istess japplika għal mezzi ta' trasport oħra. Għal esportazzjonijiet li saru bil-baħar fl-2018, il-Kummissjoni stmat li TRACES irreġistrat biss 31.6 % tal-bhejjem tal-ifrat u 3.5 % tan-nagħaġ esportati bil-bastimenti tal-bhejjem mill-Kroazja, is-Slovenja, Spanja, Franza, l-Irlanda, il-Portugall u r-Rumanija flimkien[90].

**66** TRACES fiha ċerta *data* relatata mat-trasport, flimkien mar-riżultati ta' spezzjonijiet uffiċjali. TRACES ma tippermettix li tittieħed stampa ġenerali komprensiva tat-trasport tal-annimali[91]. Barra minn hekk, id-*data* dwar il-kummerċ internazzjonali tal-oġġetti, inklużi l-annimali ħajjin, hija disponibbli f'Comext. L-ebda sors ta' *data* ma jkopri t-trasport domestiku tal-annimali. Il-***Figura 8*** turi d-*data* rilevanti miż-żewġ bażijiet ta' *data* u l-użu li għamilna minnhom għal dan ir-rapport analitiku.

## Figura 8 – *Data* mill-Comext u t-TRACES użata fl-analiżi tagħna

| | ANNIMALI | | | TRASPORT | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | valur | irjus | piż | durata | distanza | modi ta' | raġuni għal | domestiku/domestiċi | intra-UE | ekstra-UE |
| **Comext** Il-bażi ta' *data* tal-Eurostat **dwar il-kummerċ internazzjonali tal-merkanzija** | Inkluża u użata | Inkluża u użata | Inkluża u użata | Informazzjoni mhux inkluża | Informazzjoni mhux inkluża | Inkluża u użata | Informazzjoni mhux inkluża | Informazzjoni mhux inkluża | Inkluża u użata | Inkluża u użata |
| **TRACES** Il-pjattaforma online tal-Kummissjoni għar-**rekwiżiti sanitarji** | Informazzjoni mhux inkluża | Inkluża iżda mhux użata | Inkluża iżda mhux użata | Inkluża u użata | Inkluża u użata | Inkluża iżda mhux użata | Inkluża u użata | Informazzjoni mhux inkluża | Inkluża u użata | Inkluża u użata * |

Inkluża u użata għall-analiżi — Inkluża iżda mhux użata għall-analiżi — Informazzjoni mhux inkluża fil-bażi ta' *data*

* **TRACES:** Ftit informazzjoni biss dwar l-esportazzjoni ekstra-UE u ebda informazzjoni dwar l-importazzjoni ekstra-UE

*Sors:* il-QEA.

[89] Il-Kummissjoni, Welfare of animals exported by road (2020), p. 13.

[90] Il-Kummissjoni, Welfare of animals transported by sea (2020), p. 5.

[91] Il-Kummissjoni, Fitness check of EU animal welfare legislation (2022), p. 32.

## Xejriet fit-trasport tal-annimali intra-UE u ekstra-UE

**67** Aħna analizzajna d-*data* disponibbli dwar il-kummerċ intra-UE ta' annimali ħajjin tul il-perjodu 2012-2021. Il-***Figura 9*** turi x-xejriet identifikati.

### Figura 9 – Xejriet fit-trasport intra-UE ta' annimali ħajjin (2012-2021)




*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq *data* mill-Comext (f'piż).

**68** Il-*Figura 10* turi lejn liema pajjiżi jittrasportaw l-annimali ħajjin tagħhom l-akbar esportaturi ta' kull speċi. Ir-riċevituri prinċipali s-soltu jkunu pajjiżi ġirien, iżda l-annimali spiss jiġu ttrasportati aktar lil hinn, inkluż 'il barra mit-territorju tal-UE.

## Figura 10 – Esportaturi prinċipali tal-UE skont l-ispeċi ta' annimal u d-destinazzjonijiet prinċipali tagħhom (dawk intra-UE u ekstra-UE flimkien) għall-perjodu 2017-2021




*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq *data* mill-Comext (f'piż kumulattiv).

69 Mil-lat ta' durata, il-maġġoranza tat-trasport tal-annimali fi ħdan l-UE fl-2017-2021 kienet magħmula minn vjaġġi qosra (63 %), segwiti minn vjaġġi twal (33 %) u vjaġġi twal ħafna (4 %). Il-pollam normalment jiġi ttrasportat għal vjaġġi qosra (*Figura 11*), filwaqt li ż-żwiemel għandhom tendenza jiġu ttrasportati għal vjaġġi itwal.

## Figura 11 – Durata tal-vjaġġi tal-annimali fit-trasport intra-UE, skont l-ispeċi (2017-2021)




*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq *data* mit-TRACES (f'kunsinni ).

**70** Il-biċċa l-kbira mill-kummerċ ta' annimali ħajjin bejn l-Istati Membri jsir bit-triq, u jirrappreżenta 70 % mil-lat ta' piż u 65 % mil-lat ta' valur tas-suq (***Figura 12***).

### Figura 12 – Mod ta' trasport għall-kummerċ intra-UE ta' annimali ħajjin (2017-2021)




Madwar terz tad-*data* rreġistrata fil-Comext (30.00 % f'termini ta' piż, 32 % f'termini ta' valur) ma turix il-mod ta' trasport

*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq *data* mill-Comext.

**71** Għal esportazzjonijiet 'il barra mit-territorju tal-UE, il-biċċa l-kbira mit-trasport isir bil-baħar (63 %), għalkemm mil-lat ta' valur tas-suq, dan jiġi ddistribwit b'mod ekwu bejn modi differenti ta' trasport (***Figura 13***).

### Figura 13 – Mod ta' trasport għall-esportazzjonijiet tal-UE ta' annimali ħajjin lejn pajjiżi mhux tal-UE (2017-2021)




*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq *data* mill-Comext.

**72** Fl-2017-2021, l-annimali ħajjin ġew ittrasportati bejn l-Istati Membri prinċipalment għal skopijiet ta’ produzzjoni u għall-qatla (*Figura 14*).

## Figura 14 – Raġunijiet għat-trasport fi ħdan l-UE, skont l-ispeċi (2017-2021)




*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq *data* mit-TRACES.

**73** Matul il-ħajja tiegħu, annimal wieħed jista' jiġi ttrasportat diversi drabi u għal raġunijiet differenti. ***Figura 15*** turi l-eżempju ta' għoġol mibjugħ għall-produzzjoni tal-laħam.

## Figura 15 – Vjaġġ ta' għoġol tal-ħalib mibjugħ għall-produzzjoni tal-laħam




*Nota:* Dan l-eżempju huwa r-riżultat tal-analiżi tal-letteratura u tad-*data* disponibbli. Ma juri l-vjaġġ ta' ebda annimal speċifiku.

*Sors:* Il-Kummissjoni, Study on shifting from transport of unweaned dairy calves over long distance to local rearing and fattening pp. 15, 19, 38; *data*mill-Comext.

## Teknoloġiji ġodda biex jittejjeb il-monitoraġġ tat-trasport tal-annimali

**74** Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-2019 dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar it-Trasport[92], il-Parlament Ewropew stieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi sistema komuni ta' standards minimi għat-traċċar għall-vjaġġi kollha sabiex tiffaċilita ġbir aktar armonizzat ta' *data*.

**75** Rapport tal-Kummissjoni ssuġġerixxa li l-użu ta' sistema tal-IT jew ta' software speċifiku għat-traċċar tar-rotot, il-ħinijiet tal-vjaġġi u parametri oħra tal-vetturi li jittrasportaw l-annimali jista' jtejjeb il-monitoraġġ[93]. Bħala parti mir-reviżjoni tagħha tal-leġiżlazzjoni dwar it-trattament xieraq tal-annimali, il-Kummissjoni qed tikkunsidra li tintroduċi teknoloġiji ġodda biex ittejjeb il-monitoraġġ u l-infurzar. Iż-żewġ opzjonijiet li qed tikkunsidra huma:

- li toħloq sistema tal-IT tal-UE ċentrali għad-diġitalizzazzjoni taċ-ċertifikati u l-awtorizzazzjonijiet, għat-twettiq ta' kontrolli awtomatiċi tad-dokumentazzjoni, u għall-għoti ta' aċċess f'ħin reali għad-*data* dwar il-vjaġġ; jew
- li tirrikjedi li l-Istati Membri jadottaw tali għodod fil-livell nazzjonali[94].

**76** Fl-Iżvezja, riċerkaturi wrew li l-użu ta' għodod diġitali jista' jottimizza l-ippjanar tar-rotot u l-loġistika tat-trasport tal-annimali. Tali ottimizzazzjoni tista' potenzjalment tnaqqas id-distanzi tat-trasport[95].

**77** L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) tqis li l-valutazzjoni tal-kundizzjoni fiżika tal-annimali għat-trasport hija ta' importanza liema bħalha fil-kontribut għat-trattament xieraq tal-annimali[96]. Fl-2015, il-Kummissjoni nediet proġett pilota biex tiżviluppa u xxerred Gwidi għal Prattiki Tajba u Aħjar għall-annimali ttrasportati fi ħdan l-Ewropa u lejn pajjiżi mhux tal-UE għall-qatla, it-tismin u t-tnissil. Il-

[92] Il-Parlament Ewropew, Riżoluzzjoni dwar l-implimentazzjoni rigward ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 (2019), il-paragrafu 23.

[93] Il-Kummissjoni, Evaluation of the EU Strategy for the Protection and Welfare of Animals 2012-2015 (2021), p. 26.

[94] Il-Kummissjoni, Valutazzjoni tal-impatt tal-bidu dwar it-trattament xieraq tal-annimali (2021), p. 4.

[95] Håkansson et al., Improvement of animal welfare by strategic analysis and logistic optimisation of animal slaughter transportation (2016), p. 261.

[96] EFSA, Welfare of cattle during transport (2022), pp. 27 u 91.

Gwidi ġew żviluppati għat-trasport tal-bhejjem tal-ifrat, iż-żwiemel, il-ħnieżer, il-pollam u n-nagħaġ[97]. Fl-2022, studju tal-Kummissjoni dwar it-trasport tal-baqar tal-ħalib mhux b'saħħithom wera li nuqqas ta' fehim jew interpretazzjoni differenti tad-definizzjoni tal-formulazzjoni "mhux b'saħħithom" ikkontribwixxa għat-trasport ta' baqar li ma kinux b'saħħithom għall-vjaġġ[98].

**78** Il-monitoraġġ tat-trattament xieraq tal-annimali matul it-trasport huwa mxekkel minn aċċess limitat għall-annimali matul it-tranżitu[99]. Fl-2011, l-EFSA rrakkomandat l-iżvilupp ta' għodod aħjar għall-monitoraġġ tat-trattament xieraq tal-annimali matul vjaġġi twal, eż.:

- o l-integrazzjoni ta' sistemi għall-monitoraġġ tat-temperatura u għat-twissija, li diġà huma mitluba mir-Regolament dwar it-Trasport għal vetturi li jittrasportaw l-annimali għal vjaġġi twal[100], fis-sistemi ta' navigazzjoni;
- o l-istabbiliment ta' standards minimi komuni biex jippermettu li ssir valutazzjoni aktar armonizzata tal-parametri mmonitorjati[101].

Sa issa, l-ebda waħda minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet tal-EFSA ma ġiet riflessa fil-leġiżlazzjoni tal-UE. In-nuqqas ta' għodod ta' monitoraġġ jista' jkollu impatt negattiv fuq il-konformità u l-infurzar u, konsegwentement, fuq it-trattament xieraq tal-annimali[102].

**79** Fl-2022, l-EFSA ssuġġeriet li jiġu żviluppati kameras ibbażati fuq l-intelliġenza artifiċjali biex jimmonitorjaw it-trattament xieraq tal-annimali matul it-trasport, sensuri għad-detezzjoni tal-istress tal-moviment ikkawżat lill-annimali mill-movimenti tal-vettura, u ċinturini li jintlibsu miż-żwiemel biex jirreġistraw id-*data* fiżjoloġika tagħhom matul it-trasport. L-għodod teknoloġiċi disponibbli f'dan il-qasam intużaw fi studji xjentifiċi, iżda ma ġewx applikati fil-prattika[103].

---

[97] Is-sit web tal-proġett pilota "Animal Transport Guides".

[98] Il-Kummissjoni, Study on economic models to prevent the transport of unfit end-of-career dairy cows (2022), p. iv.

[99] EFSA, Welfare of cattle during transport (2022), p. 91.

[100] It-Taqsima 3 taħt il-Kapitolu VI tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1/2005.

[101] EFSA, Scientific Opinion on Welfare of Animals during Transport (2011), p. 88.

[102] Il-Kummissjoni, Fitness check of EU animal welfare legislation (2022), p. 33.

[103] EFSA, Welfare of cattle during transport (2022), pp. 18-19, 91.

# Sfidi u opportunitajiet

**80** It-trasport ta' annimali ħajjin jista' jkollu konsegwenzi negattivi fuq it-trattament xieraq tal-annimali. L-UE ħadet inizjattivi biex ittejjeb it-trattament xieraq tal-annimali matul it-trasport, billi adottat il-leġiżlazzjoni u ssorveljat l-infurzar tagħha min-naħa tal-Istati Membri. Il-fatturi ekonomiċi huma l-forza mexxejja prinċipali għat-trasport tal-annimali. Id-differenzi fil-kostijiet bejn l-Istati Membri u l-ħtieġa li jiġu sfruttati l-ekonomiji ta' skala wasslu għal speċjalizzazzjoni fis-settur tal-bhejjem u konċentrazzjoni fis-settur tal-qatla, u b'hekk ħeġġew it-trasport tal-annimali. Il-preferenzi tal-konsumaturi jaf ukoll jaffettwaw ir-rieda tal-operaturi ekonomiċi li jittrasportaw annimali ħajjin.

**81** Il-konsegwenzi negattivi tat-trasport fuq it-trattament xieraq tal-annimali jistgħu jittaffew billi jitnaqqas l-għadd tal-vjaġġi u t-tul tagħhom, u jittejbu l-kundizzjonijiet għall-annimali ħajjin matul it-trasport. F'dan ir-Rapport Analitiku, identifikajna diversi sfidi u opportunitajiet għal min ifassal il-politiki tal-UE u għall-partijiet ikkonċernati, li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni fir-reviżjoni li jmiss tal-leġiżlazzjoni tal-UE f'dan il-qasam.

**82** **Identifikazzjoni ta' alternattivi għat-trasport ta' annimali ħajjin**. It-trasport tal-laħam minflok ta' annimali ħajjin jaf ikun aktar sostenibbli kemm mil-lat tat-trattament xieraq tal-annimali kif ukoll mil-lat tal-impatt fuq l-ambjent u t-tibdil fil-klima, iżda minn perspettiva ekonomika jaf mhux dejjem ikun profittabbli. Mod ieħor ta' kif jitnaqqas parzjalment it-trasport tal-annimali huwa li l-qatla titqarreb lejn is-sit ta' produzzjoni. Li jinstabu modi biex jiġu promossi u inċentivati l-iżvilupp ta' biċċeriji lokali u l-użu ta' faċilitajiet għall-qtil mobbli jista' jikkontribwixxi għal dan l-iskop, għalkemm dawn għandhom tendenza li jkunu soluzzjonijiet fuq skala żgħira biex jiġu ssodisfati ħtiġijiet speċifiċi u domanda niċċa.

**83** **Għoti ta' informazzjoni aħjar lill-konsumaturi biex dawn ikunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati** L-għażliet tal-konsumaturi jista' jkollhom rwol importanti fl-ixprunar tal-bidla. Normalment il-konsumaturi jippreferu laħam prodott lokalment, u wħud huma lesti li jħallsu aktar jekk jiġu infurmati dwar kundizzjonijiet li jiffavorixxu t-trattament xieraq tal-annimali. Madankollu, it-terminoloġija użata fuq it-tikketti tal-ikel u l-għadd kbir fih innifsu ta' skemi ta' tikkettar fl-Istati Membri spiss iħawdu lill-konsumaturi. Aktar trasparenza u armonizzazzjoni, pereżempju permezz ta' sistema ta' tikkettar tal-UE li tippromwovi t-trattament xieraq tal-annimali, jistgħu jgħinu lill-konsumaturi jagħmlu għażliet infurmati. Permezz tal-kampanji promozzjonali tagħha,

il-Kummissjoni tgħin lill-bdiewa tal-UE u lill-industrija tal-ikel ibigħu l-prodotti tal-biedja tagħhom, inklużi l-laħam (frisk, imkessaħ u ffriżat) u preparati mil-laħam.

**84 Promozzjoni ta' bidliet strutturali għal tranżizzjoni lejn katina alimentari aktar sostenibbli**. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt jippromwovu t-tranżizzjoni lejn sistema tal-ikel aktar sostenibbli. Tali tranżizzjoni tkun tirrikjedi bidliet strutturali fil-katina tal-provvista u fix-xejriet ta' konsum tal-ikel. Inizjattivi finanzjarji mfassla tajjeb jista' jkollhom rwol dirett billi jittrażmettu s-sinjal tal-prezz it-tajjeb u jipprovdu l-inċentivi t-tajba għal imġiba sostenibbli min-naħa tal-produtturi, l-utenti u l-konsumaturi.

**85 Assenjazzjoni ta' valur monetarju lit-tbatija tal-annimali u l-kunsiderazzjoni tagħha fil-kost tat-trasport u fil-prezz tal-laħam.** Il-kwalità tat-trattament xieraq tal-annimali ma titteħidx inkunsiderazzjoni fil-kost tat-trasport jew fil-prezz tal-laħam. L-iżvilupp ta' metodoloġija biex it-tbatija tal-annimali tingħadd meta jiġu kkalkulati l-prezzijiet jista' jkun opportunità biex jiġu introdotti sistemi ta' inċentivi, biex b'hekk il-kumpaniji ta' trasport jiġu mħeġġa jipprevienu problemi relatati mat-trattament xieraq tal-annimali, u l-inċentivi ta' nuqqas ta' konformità jiġu mminimizzati.

**86 Ksib ta' stampa ġenerali ċentralizzata u komprensiva tat-trasport tal-annimali, monitoraġġ tal-kundizzjonijiet tal-annimali ħajjin matul it-trasport u promozzjoni tal-ottimizzazzjoni loġistika**. L-Istati Membri jiġbru l-informazzjoni dwar il-movimenti tal-annimali bl-iskop li jikkontrollaw il-mard. Il-Kummissjoni ma għandha ebda *data* ċentralizzata komprensiva dwar it-trasport tal-annimali. Sistema tal-IT fil-livell tal-UE biex jiġu ttraċċati l-vjaġġi kollha, inklużi l-vjaġġi domestiċi ta' annimali ħajjin, tista' ttejjeb il-monitoraġġ u tippermetti lill-Kummissjoni tikseb *data* ċentralizzata komprensiva dwar it-trasferimenti tal-annimali. L-użu ta' għodod diġitali jista' wkoll jottimizza l-ippjanar u l-loġistika tat-trasport tal-annimali. Il-monitoraġġ tat-trattament xieraq tal-annimali matul it-trasport huwa mxekkel minn aċċess limitat għall-annimali fi tranżitu. L-għodod teknoloġiċi disponibbli f'dan il-qasam intużaw fi studji xjentifiċi, iżda ma ġewx applikati fil-prattika. Teknoloġiji ġodda, bħal kameras u sensuri, jistgħu jikkontribwixxu fil-kejl u l-monitoraġġ tat-trattament xieraq tal-annimali matul it-trasport.

Dan ir-rapport analitiku ġie adottat mill-Awla I, immexxija mis-Sra Joëlle Elvinger, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-1 ta’ Marzu 2023.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Tony Murphy
*Il-President*

# Anness

## Anness I – Pubblikazzjonijiet ewlenin li ġew analizzati

Baltussen et al., Sustainable production: transporting animals or meat? (2009)

Baltussen et al., Transport of live animals versus meat (2017)

Bittlmayer, Local Characteristics of Pig Production in Germany and Bavaria (2019)

Il-Kummissjoni, Rapport dwar l-impatt tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport (2011)

Il-Kummissjoni, Overview report on systems to prevent the transport of unfit animals in the EU (2015)

Il-Kummissjoni, The future of the livestock sector (2020)

Il-Kummissjoni, Welfare of animals exported by road (2020)

Il-Kummissjoni, Welfare of animals transported by sea (2020)

Il-Kummissjoni, Rapport li jevalwa l-indikazzjoni obbligatorja tal-pajjiż ta' oriġini jew tal-post ta' provenjenza għal-laħam tal-majjal, tat-tjur, tan-nagħaġ u tal-mogħoż (2021)

Il-Kummissjoni, EU Agricultural outlook 2021-2031 (2021)

Il-Kummissjoni, Fitness check of EU animal welfare legislation (2022)

Il-Kummissjoni, Study on animal welfare labelling (2022)

Il-Kummissjoni, Study on CAP Measures and Instruments Promoting Animal Welfare and Reduction of Antimicrobials Use (2022)

Il-Kummissjoni, Study on shifting from transport of unweaned dairy calves over long distance to local rearing and fattening (2022)

Il-Kummissjoni, Study on economic models to prevent the transport of unfit end-of-career dairy cows (2022)

Il-QEA, ir-Rapport Speċjali 31/2018: "Il-benessri tal-annimali fl-UE: tnaqqis tad-distakk bejn għanijiet ambizzjużi u implimentazzjoni prattika"

EFSA, Scientific Opinion on Welfare of Animals during Transport (2011)

EFSA, Welfare of cattle during transport (2022)

EFSA, Eurobarometer on food safety in the EU (2022)

EPRS, Animal welfare on the farm – ex-post evaluation of the EU legislation: Prospects for animal welfare labelling at EU level (2021)

EFA, A strategy to reduce and replace live animal transport (2019)

EFA, Live animal transport (2021)

Eurofound, Meat processing workers (2018)

Il-Parlament Ewropew, Riżoluzzjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport (2012)

Il-Parlament Ewropew, Riżoluzzjoni dwar l-implimentazzjoni rigward ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 (2019)

Il-Parlament Ewropew, Rapport dwar l-investigazzjoni ta’ allegazzjonijiet ta’ kontravvenzjonijiet u ta’ amministrazzjoni ħażina fl-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni fir-rigward tal-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport fl-Unjoni u lil hinn minnha (2021)

Håkansson et al., Improvement of animal welfare by strategic analysis and logistic optimisation of animal slaughter transportation (2016)

Hoste, International comparison of pig production costs (2018)

Hultgren, Avoiding live-animal transport to slaughter: mobile abattoirs (2022)

IPOL, Patterns of livestock transport in the EU and to third countries (2021)

Van Horne, Competitiveness of the EU poultry meat sector (2018)

Van Wagenberg et al., Cost-benefit analysis of private certification schemes for animal welfare during long-distance transport in the EU (2015)

Van Wagenberg, The economics of animal transport (2019)

Van Wagenberg, Baltussen, Socio-economic reasons for long-distance cross-border transport of animals in the EU (2021)

# Abbrevjazzjonijiet

**ANIT:** Il-kumitat ta’ inkjesta tal-Parlament Ewropew dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport

**EFA:** Eurogroup for Animals

**EFSA:** L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel

**EPRS:** Is-Servizz ta’ Riċerka tal-Parlament Ewropew

**IPOL:** Id-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Unjoni tal-Parlament Ewropew

**NGO:** Organizzazzjoni mhux governattiva

**PAK:** politika agrikola komuni

# Glossarju

**Comext:** Il-bażi ta' *data* tal-Eurostat dwar il-kummerċ tal-oġġetti tal-UE, kemm bejn l-Istati Membri tal-UE, kif ukoll ma' pajjiżi mhux tal-UE.

**Għoġol tal-ħalib:** Baqra ta' età żgħira mnissla biex tipproduċi l-ħalib.

**Kunsinna:** Kwantità ta' oġġetti koperti minn ċertifikat jew dokument wieħed u ttrasportati mill-istess bini ta' oriġini għall-istess destinazzjoni permezz tal-istess mod ta' trasport.

**Tismin:** Iż-żamma tal-annimali għall-produzzjoni tal-laħam.

**Tlestija:** L-aħħar stadju tat-tismin, bi tħejjija għall-qatla.

**Tnissil:** Iż-żamma tal-annimali għall-produzzjoni tal-wild.

**TRACES:** Il-pjattaforma online tal-Kummissjoni b'informazzjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni sanitarja u fitosanitarja fil-kummerċ tal-annimali, ikel u għalf kemm ta' oriġini mill-annimali kif ukoll ta' oriġini mhux mill-annimali, u pjanti, kemm fi ħdan l-UE kif ukoll ma' pajjiżi oħra.

# Tim tal-QEA

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Awla I, Użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, li hija mmexxija minn Joelle Elvinger, Membru tal-QEA. Il-kompitu tmexxa minn Eva Lindström, Membru tal-QEA, li ngħatat appoġġ minn Kristina Maksinen, Kap tal-Kabinett, Katharina Bryan, ex Kap tal-Kabinett, Johan Stalhammar, Attaché tal-Kabinett, Elena Graziuso, Assistent dwar il-Politika u Andrzej Robaszewski, Ekonomista fil-Kabinett; Emmanuel Rauch, Maniġer Prinċipali; Michela Lanzutti, Kap tal-Kompitu; Michal Szwed, Magdeline Owusu Agyemang u Zvonimir Novoselic, Awdituri.
Marika Meisenzahl ipprovdiet appoġġ grafiku. Stamatis Kalogirou u Lukasz Kolodziej pprovdew appoġġ fl-analiżi tad-*data* u fil-ħolqien ta' dashboard. Agata Sylwestrzak u Laura McMillan ipprovdew appoġġ lingwistiku.



*Mix-xellug għal-lemin:* Andrzej Robaszewski, Elena Graziuso, Stamatis Kalogirou, Michela Lanzutti, Johan Stalhammar, Eva Lindström, Laura McMillan, Kristina Maksinen, Zvonimir Novoselic, Magdeline Owusu Agyemang, Michal Szwed.

# DRITT TAL-AWTUR

© L-Unjoni Ewropea, 2023

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-Deċiżjoni Nru 6-2019 tal-QEA dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA li jkun proprjetà tal-UE huwa liċenzjat taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat dment li jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Dawk li jużaw mill-ġdid il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb tali permess, dan għandu jikkanċella u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Biex tuża jew tirriproduċi kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jista' jkun meħtieġ li titlob il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur:

— Figuri – Ikoni: il-figuri tfasslu bl-użu ta' riżorsi minn Flaticon.com. © Freepik Company S.L. Id-drittijiet kollha huma riżervati.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinji rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta' siti web istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fi ħdan id-dominju europa.eu, tipprovdi links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuq dawn, inti mħeġġeġ tirrieżamina l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

**Użu tal-logo tal-QEA**

Ma jistax isir użu mil-logo tal-QEA mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.



| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| MT PDF | PDF/Volume_01 | QJ-07-23-137-MT-N | 978-92-847-9846-9 | 10.2865/293045 |

Ir-rapport analitiku tagħna jiddeskrivi l-fatturi prinċipali marbuta mat-trasport ta' annimali ħajjin, u juri x-xejriet fit-trasport tal-annimali. Kull sena, biljuni ta' annimali ħajjin jiġu ttrasportati bit-triq, bil-baħar, bil-ferrovija u bl-ajru fi ħdan l-UE, u lejn u mill-UE, għal għadd ta' raġunijiet, bħat-tnissil, it-tismin jew il-qatla. L-UE adottat leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport, iżda l-Kummissjoni Ewropea u l-istudji akkademiċi identifikaw dgħufijiet. L-isfidi u l-opportunitajiet futuri jinsabu fl-identifikazzjoni ta' alternattivi għat-trasport ta' annimali ħajjin, fl-għoti ta' informazzjoni aħjar lill-konsumaturi, fil-promozzjoni tal-bidliet strutturali lejn katina tal-provvista tal-ikel aktar sostenibbli, fl-assenjar ta' valur monetarju lit-tbatija tal-annimali u fl-inkorporazzjoni ta' tali tbatija fil-kostijiet tat-trasport u l-prezzijiet tal-laħam, u fil-promozzjoni tal-użu ta' teknoloġiji ġodda.


IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors


CURIA RATIONUM

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI